IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.5.2026
COM(2026) 228 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-implimentazzjoni u r-riżultati tar-Regolament (UE) 2021/782 dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri

WERREJ

1. Introduzzjoni 2

2. Implimentazzjoni u riżultati tar-Regolament (UE) 2021/782 3

2.1. Eżenzjonijiet (Artikolu 2) 3

2.2. Trattament ugwali (l-Artikolu 5) 6

2.3. Ġarr ta' roti (l-Artikolu 6) 7

2.4. Informazzjoni dwar l-ivvjaġġar f'ħin reali (l-Artikolu 10) 9

2.5. Biljetti globali (Artikolu 12) 11

2.5.1. L-obbligu li jiġu offruti biljetti globali għal impriżi ferrovjarji uniċi 11

2.5.2. Kooperazzjoni għal servizzi ferrovjarji oħra tal-passiġġieri 12

2.5.3. Informazzjoni lill-passiġġieri dwar il-biljetti globali 14

2.5.4. Responsabbiltà għall-biljetti globali 14

2.6. Id-dritt ta' ridirezzjonar awtonomu tar-rotta (l-Artikolu 18(3)) 16

2.7. Kumpens – Force majeure (l-Artikolu 19(10)) 18

2.8. Formola komuni għat-talbiet għal rimborż u għal kumpens (l-Artikoli 18(7) u 19(6)) 19

2.9. Interruzzjonijiet maġġuri u ppjanar ta' kontinġenza (l-Artikolu 20(6)) 20

2.10. Persuni b'diżabbiltà jew b'mobbiltà mnaqqsa (Kapitolu V) 22

2.11. Trattament tal-ilmenti u l-infurzar (l-Artikolu 28 u l-Kapitolu VII) 26

2.11.1. Trattament tal-ilmenti mill-impriżi ferrovjarji, l-amministraturi tal-istazzjonijiet u l-bejjiegħa tal-biljetti/operaturi tal-vjaġġi (l-Artikolu 28) 26

2.11.2. Stabbiliment ta' korpi nazzjonali tal-infurzar (l-Artikolu 31) 27

2.11.3. Infurzar mill-NEBs (l-Artikolu 32) 27

2.11.3.1. Rapportar 27

2.11.3.2. Is-sottomissjoni u l-pubblikazzjoni sal-iskadenza 28

2.11.3.3. Kontenut tar-rapporti 28

2.11.4. Trattament tal-ilment mill-korpi nazzjonali tal-infurzar u korpi oħra (l-Artikolu 33) 29

2.11.5. Skambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni transfruntiera bejn l-NEBs (l-Artikolu 34) 29

3. Konklużjonijiet 30

Anness A Ħarsa ġenerali lejn l-użu tal-eżenzjonijiet skont ir-Regolament (UE) 2021/782() 32

Anness B Tqabbil mal-eżenzjonijiet mill-Istati Membri skont ir-Regolament (KE) Nru 1371/2007() 33

1. INTRODUZZJONI

Ir-Regolament (UE) 2021/782 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji([1]) ("ir-Regolament") daħal fis-seħħ fis-7 ta' Ġunju 2021 u ilu japplika mis-7 ta' Ġunju 2023. Dan ħassar u ħa post ir-Regolament (KE) Nru 1371/2007 dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji li daħal fis-seħħ fl-2009([2]). Ir-Regolament emenda u introduċa dispożizzjonijiet dwar: l-eżenzjonijiet (l-Artikolu 2), it-trattament ugwali (l-Artikolu 5), il-ġarr ta' roti (l-Artikolu 6), l-informazzjoni dwar l-ivvjaġġar f'ħin reali (l-Artikolu 10), il-biljetti globali (l-Artikolu 12), id-dritt għar-ridirezzjonar awtonomu tar-rotta (l-Artikolu 18(3)), *force majeure* (l-Artikolu 19(10)), il-formola komuni għat-talbiet għal rimborż u għal kumpens (l-Artikoli 18(7) u 19(6)), interruzzjonijiet maġġuri u l-pjanijiet ta' kontinġenza (l-Artikolu 20(6)), id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità jew b'mobbiltà mnaqqsa (il-Kapitolu V) u t-trattament tal-ilmenti u l-infurzar (l-Artikolu 28 u l-Kapitolu VII).

L-Artikolu 39 tar-Regolament jirrikjedi li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sas-7 ta' Ġunju 2026 dwar l-implimentazzjoni u r-riżultati tar-Regolament. L-għan ta' dan ir-rapport huwa li jissodisfa dan l-obbligu. Ir-rapport jiffoka fuq l-elementi ġodda introdotti mir-reviżjoni tal-2021.

Dan ir-rapport huwa bbażat fuq informazzjoni pprovduta skont ir-Regolament, inklużi rapporti mill-impriżi ferrovjarji dwar il-prestazzjoni tagħhom dwar il-kwalità tas-servizz, u rapporti mill-korpi nazzjonali tal-infurzar tal-Istati Membri (NEBs) dwar l-attivitajiet tagħhom([3]). Ir-rapport huwa bbażat ukoll fuq in-notifiki ppreżentati mill-Istati Membri lill-Kummissjoni skont l-Artikoli 2(7), 11(4), 31(3) u l-Artikolu 35(1) tar-Regolament.

Barra minn hekk, dan ir-rapport jinkludi sejbiet minn studju ta' sostenn immexxi mill-Kummissjoni ([4]), li ġabar data mill-Istati Membri kollha dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament. Peress li l-istudju ffoka fuq il-prattiki tal-impriża ferrovjarja ewlenija f'kull Stat Membru, ir-referenzi f'dan ir-rapport għas-sejbiet dwar l-applikazzjoni tar-regoli fi Stat Membru partikolari jenħtieġ li jinftiehmu bħala li jirreferu għall-prattiki tal-impriża ferrovjarja ewlenija f'dak l-Istat Membru, sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor.

Is-sejbiet ta' dan ir-rapport, b'mod partikolari fir-rigward tal-biljetti globali, huma rilevanti wkoll fil-kuntest ta' proposta ġdida tal-Kummissjoni (COM(2026) 233) li testendi d-drittijiet tal-passiġġieri f'każ ta' konnessjonijiet ferrovjarji mitlufa magħmula taħt biljett uniku mixtri fuq pjattaforma waħda bħala parti minn tranżazzjoni waħda.

([1]) Ir-Regolament (UE) 2021/782 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji (riformulazzjoni), ĠU L 172, 17.5.2021, p. 1.

([2]) Ara l-Artikolu 41 tar-Regolament. Huwa biss l-Artikolu 6(4), relatat mal-proċeduri ta' akkwist għal vetturi ferrovjarji ġodda jew li jsirilhom titjib kbir għall-ġarr tar-roti, li japplika mis-7 ta' Ġunju 2025.

([3]) Mill-Artikolu 32(3) tar-Regolament jirriżulta li kull sentejn il-korpi nazzjonali tal-infurzar għandhom jippubblikaw rapporti bl-istatistika dwar l-attivitajiet tagħhom, inkluż dwar il-penali applikati sat-30 ta' Ġunju tas-sena kalendarja ta' wara. Dawk ir-rapporti għandhom ikunu disponibbli fuq is-sit web tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji.

([4]) Supporting study for the Report on the implementation and results of Regulation (EU) 2021/782 on rail passengers' rights and obligations by Ramboll Management Consulting A/S, Milieu Consulting SRL, and Transport & Mobility Leuven.

2. IMPLIMENTAZZJONI U RIŻULTATI TAR-REGOLAMENT (UE) 2021/782

2.1. Eżenzjonijiet (Artikolu 2)

L-Artikolu 2 tar-Regolament jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu billi jistabbilixxi liema vjaġġi u servizzi ferrovjarji jaqgħu taħt ir-Regolament. Jispeċifika wkoll liema servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri l-Istati Membri jistgħu jeżentaw minn regoli partikolari skont ir-Regolament. Ir-raġunijiet għall-eżenzjonijiet iridu jiġu inklużi fin-notifiki lill-Kummissjoni. Ir-reviżjoni tal-2021 tar-reġim ta' eżenzjonijiet kienet maħsuba biex tillimita l-użu eċċessiv tal-eżenzjonijiet skont ir-regoli preċedenti, testendi progressivament il-kopertura tar-Regolament għal aktar servizzi, u tiżgura li d-drittijiet tal-passiġġieri jkunu aktar konsistenti u prevedibbli. L-Istati Membri jridu jinnotifikaw dawn l-eżenzjonijiet lill-Kummissjoni Ewropea u jipprovdu r-raġunijiet għall-għoti tagħhom([5]).

L-**Anness A** jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-eżenzjonijiet għal kull Stat Membru skont ir-Regolament attwali. L-**Anness B** jipprovdi tqabbil tal-eżenzjonijiet użati għal kull servizz u għal kull Stat Membru bejn ir-Regolament (UE) 2021/782 u r-Regolament (KE) Nru 1371/2007.

Minn 27 Stat Membru, tnejn — Ċipru u Malta — ma għandhomx network ferrovjarju. Sitt Stati Membri([6]) b'network ferrovjarju ma użaw l-ebda eżenzjoni. Id-19-il Stat Membru li jifdal jużaw l-eżenzjonijiet: il-maġġoranza sa ċertu punt limitat, u grupp iżgħar b'mod aktar estensiv([7]).

Skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (UE) 2021/782, il-possibbiltà li jiġu applikati eżenzjonijiet relatati ma' **servizzi ferrovjarji domestiċi tal-passiġġieri fuq distanzi twal** hija limitata għall-Istati Membri li kienu diġà użaw eżenzjoni simili għal dawk is-servizzi taħt ir-Regolament preċedenti sal-2024. Barra minn hekk, ir-Regolament il-ġdid naqqas l-għadd ta' dispożizzjonijiet li jistgħu jiġu eżentati għal dawn is-servizzi([8]) u l-estensjoni tista' tiġġedded darba biss sal-2029. Fil-prinċipju, dan kien jippermetti lil massimu ta' għaxar Stati Membri jżommu eżenzjonijiet għal dawn is-servizzi sal-2029 ([9]). Madankollu, ħames Stati Membri biss innotifikaw li se jkomplu japplikaw l-eżenzjonijiet sal-2029 ([10]).

Dan jissuġġerixxi li d-dipendenza fuq l-eżenzjonijiet nazzjonali għas-servizzi ferrovjarji domestiċi fuq distanzi twal naqset b'mod sinifikanti fil-prattika skont ir-Regolament (UE) 2021/782, u dan jista' jappoġġa applikazzjoni usa' u aktar konsistenti tad-drittijiet tal-passiġġieri madwar l-Istati Membri. Fl-istess ħin, il-kamp ta' applikazzjoni reali tal-eżenzjonijiet ivarja bejn dawn il-ħames Stati Membri ([11]).

Barra minn hekk, ir-Regolament jippermetti wkoll lill-Istati Membri — bħal fil-każ tar-Regolament preċedenti — li jeżentaw servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri (sub)urbani u

([5]) L-Artikolu 2 *(Kamp ta' applikazzjoni)* il-paragrafu (7) tar-Regolament.

(6) BE, EE, EL, ES, IE, SI.

([7]) Ara l-Anness A.

([8]) Jiġifieri, l-Artikolu 15 *(Ħlasijiet bil-quddiem)*, l-Artikolu 17 *(Responsabbiltà għal dewmien, konnessjonijiet mitlufa u kanċellazzjonijiet)* u l-Artikolu 19 *(Kumpens)*, l-Artikolu 20 *(Assistenza), b'mod partikolari* l-punti (a) u (b) tal-paragrafu 2 tiegħu, u l-Artikolu 30 *(Informazzjoni lill-passiġġieri dwar drittijiethom)* il-paragrafu 2 tar-Regolament.

([9]) BG, EE, HU, IE, LV, LT, PL, PT, RO, SK.

([10]) BG, HU, PT, RO, SK.

([11]) Ħarsa ġenerali komprensiva lejn l-eżenzjonijiet nazzjonali skont ir-Regolament (UE) 2021/782 tista' tinstab fuq is-sit web tal-Kummissjoni: https://transport.ec.europa.eu/transport-themes/passenger-rights/rail-passenger-rights_mt.

reġjonali mir-Regolament([12]), iżda bl-eċċezzjoni ta' għadd akbar ta' dispożizzjonijiet ewlenin obbligatorji li minnhom ma hemm l-ebda eżenzjoni u li, bħala konsegwenza, dejjem iridu japplikaw ([13]) . Hemm relattivament aktar dispożizzjonijiet obbligatorji għas-servizzi ferrovjarji reġjonali tal-passiġġieri milli għas-servizzi (sub)urbani ([14]).

Is-servizzi ferrovjarji reġjonali tal-passiġġieri huma soġġetti għal eżenzjonijiet([15]) fi 12 minn 25 Stat Membru. L-istess Stati Membri użaw ukoll eżenzjonijiet għas-**servizzi ferrovjarji (sub)urbani tal-passiġġieri**([16]).

F'dan ir-rigward, f'dak iż-żmien 18-il Stat Membru ([17]) użaw il-possibbiltà skont ir-Regolament (KE) Nru 1371/2007 li jeżentaw is-servizzi ferrovjarji (sub)urbani u reġjonali tal-passiġġieri. Dan jikkonferma x-xejra osservata qabel fis-servizzi domestiċi fuq distanzi twal li hemm inqas Stati Membri li jużaw il-possibbiltajiet li jeżentaw is-servizzi skont ir-Regolament il-ġdid.

Erba' Stati Membri eżentaw servizzi (sub)urbani mill-biċċa l-kbira tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament, u b'hekk żguraw l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet obbligatorji ewlenin tar-Regolament([18]). Fi tliet Stati Membri oħra, jintuża approċċ simili għall-eżenzjonijiet (bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet obbligatorji ewlenin), bid-differenza notevoli li xi dispożizzjonijiet oħrajn li ma humiex obbligatorji jkomplu japplikaw ukoll([19]). Grupp ieħor ta' ħames Stati Membri għażlu eżenzjonijiet aktar immirati u speċifiċi għad-dispożizzjonijiet([20]). Dawn ix-xejriet huma kkonfermati b'mod wiesa' għall-istess Stati Membri fir-rigward tal-eżenzjonijiet għas-servizzi ferrovjarji reġjonali tal-passiġġieri([21]).

Seba' Stati Membri eżentaw **is-servizzi ferrovjarji internazzjonali lejn pajjiżi terzi** mill-applikazzjoni tar-Regolament kurrenti([22]), meta mqabbla ma' tmien Stati Membri

---

([12]) L-Artikolu 2 *(Kamp ta' applikazzjoni)* il-paragrafu 6(a) tar-Regolament.

([13]) Ara l-Artikolu 2 *(Kamp ta' applikazzjoni)* il-paragrafu 8 tar-Regolament. B'mod partikolari, dan jikkonċerna l-Artikolu 5 *(Kondizzjonijiet kuntrattwali u tariffi nondiskriminatorji)*, l-Artikolu 11 *(Disponibbiltà tal-biljetti u tar-riservazzjonijiet)*, l-Artikolu 13 (*Responsabbiltà għall-passiġġieri u l-bagalji)*, l-Artikolu 14 *(Assigurazzjoni u kopertura tar-responsabbiltà)*, l-Artikolu 21 *(Id-dritt għal trasport)*, l-Artikolu 22 *(Informazzjoni lill-persuni b'diżabbiltà u lill-persuni b'mobbiltà mnaqqsa)*, l-Artikolu 27 *(Is-sikurezza personali tal-passiġġieri)* u l-Artikolu 28 (*Ilmenti)* tar-Regolament.

([14]) L-Artikolu 5 *(Kondizzjonijiet kuntrattwali u tariffi nondiskriminatorji)*, l-Artikolu 6 *(Roti)*, l-Artikolu 11 *(Disponibbiltà tal-biljetti u tar-riservazzjonijiet)*, l-Artikolu 12 *(Biljetti globali)*, l-Artikolu 13 *(Responsabbiltà għall-passiġġieri u l-bagalji)*, l-Artikolu 14 *(Assigurazzjoni u kopertura tar-responsabbiltà)*, l-Artikolu 18 *(Rimborż u ridirezzjonar tar-rotta)* il-paragrafu 3, l-Artikolu 21 *(Id-dritt għal trasport)*, l-Artikolu 22 *(Informazzjoni lill-persuni b'diżabbiltà u lill-persuni b'mobbiltà mnaqqsa)*, l-Artikolu 23 *(Assistenza fl-istazzjonijiet ferrovjarji u abbord)*, l-Artikolu 24 *(Kondizzjonijiet biex tingħata l-assistenza)*, l-Artikolu 25 *(Kumpens fir-rigward tat-tagħmir tal-mobbiltà, apparat ta' assistenza u klieb ta' assistenza)*, l-Artikolu 26 *(Taħriġ tal-persunal)*, l-Artikolu 27 *(Is-sikurezza personali tal-passiġġieri)* u l-Artikolu 28 *(Ilmenti)*. Madankollu, l-eżenzjoni tas-servizzi ferrovjarji reġjonali tal-passiġġieri mill-applikazzjoni tal-Artikoli 12(1) u 18(3) tista' tapplika sas-7 ta' Ġunju 2028 (ara l-Artikolu 2(8) tar-Regolament).

([15]) AT, BG, DE, FI, FR, HU, LU, PL, PT, RO, SE, SK.

([16]) AT, BG, DE, FI, FR, HU, LU, PL, PT, RO, SE, SK.

([17]) AT, BG, DE, EE, EL, ES, FI, FR, HU, IE, LT, LU, LV, PL, PT, RO, SE, SK.

([18]) HU, PT, RO, SK.

([19]) FR, LU, PL.

([20]) AT, BG, DE, FI, SE.

([21]) L-AT hija l-uniku Stat Membru li jiddistingwi bejn is-servizzi ferrovjarji urbani u suburbani tal-passiġġieri. Fl-Awstrija, ir-reġim ta' eżenzjonijiet għas-servizzi ferrovjarji suburbani tal-passiġġieri huwa ġeneralment allinjat mal-eżenzjonijiet għas-servizzi ferrovjarji reġjonali tal-passiġġieri.

([22]) BG, CZ, FI, HU, LV, PL, RO. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjonijiet u l-applikabbiltà għall-pajjiżi terzi kollha jew għal dawk speċifiċi jistgħu jvarjaw.

skont ir-Regolament preċedenti. Barra minn hekk, 15-il Stat Membru użaw l-eżenzjoni **għal servizzi mħaddma strettament għal skopijiet storiċi jew turistiċi**([23]). F'dawn il-pajjiżi kollha, is-servizzi storiċi jew turistiċi huma eżentati mill-applikazzjoni tar-Regolament b'mod ġenerali, ħlief għall-Artikoli 13 *(Responsabbiltà għall-passiġġieri u l-bagalji)* u 14 *(Assigurazzjoni u kopertura tar-responsabbiltà)*.

Sitt Stati Membri eżentaw l-applikabbiltà tal-Artikolu 10 tar-Regolament minħabba li ma huwiex teknikament fattibbli għall-amministraturi tal-infrastruttura li jiddistribwixxu data f'ħin reali lill-impriżi ferrovjarji, lill-bejjiegħa tal-biljetti, lill-operaturi tal-vjaġġi jew lill-amministraturi tal-istazzjonijiet ([24]). Fil-każijiet kollha l-eżenzjoni tapplika sas-7 ta' Ġunju 2030 (l-Artikolu 2(5) tar-Regolament).

Tmien Stati Membri użaw il-possibbiltà li japplikaw **perjodu itwal ta' 36 siegħa għall-prenotifiki minflok 24 siegħa għall-assistenza lil persuni b'diżabbiltà u lil persuni b'mobbiltà mnaqqsa**([25]). Fil-każijiet kollha, l-eżenzjoni tapplika sat-30 ta' Ġunju 2026, f'konformità mal-perjodu massimu permess għal din l-eżenzjoni skont l-Artikolu 24(a), it-tielet subparagrafu tar-Regolament. Fil-maġġoranza tal-Istati Membri, il-perjodu massimu ta' 24 siegħa għall-prenotifika diġà ilu japplika mid-dħul fis-seħħ fis-7 ta' Ġunju 2023. Fid-Danimarka, il-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjoni huwa aktar limitat, peress li japplika biss għal servizzi ferrovjarji transfruntiera lejn il-Ġermanja aktar milli għas-servizzi ferrovjarji kollha tal-passiġġieri.

Minn dak li ntqal hawn fuq jirriżulta li l-użu tal-eżenzjonijiet skont ir-Regolament huwa relattivament mifrux iżda jvarja b'mod sinifikanti fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Diversi għażliet ta' eżenzjoni jintużaw minn għadd imdaqqas ta' Stati Membri, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw is-servizzi urbani, suburbani u reġjonali, kif ukoll l-għażla għas-servizzi ferrovjarji mħaddma strettament għal skopijiet storiċi jew turistiċi. B'kuntrast għal dan, grupp iżgħar ta' Stati Membri juża possibbiltajiet oħra ta' eżenzjoni, bħal dawk relatati mas-servizzi ferrovjarji domestiċi fuq distanzi twal u s-servizzi ferrovjarji internazzjonali lejn pajjiżi terzi.

Jekk l-Istati Membri jiddeċiedu li jeżentaw ċerti servizzi ferrovjarji mill-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, huma jridu jinformaw lill-Kummissjoni kif xieraq. Meta jipprovdu din l-informazzjoni, l-Istati Membri jridu jippreżentaw ir-raġunijiet għall-għoti ta' tali eżenzjonijiet. Il-premessa 10 tar-Regolament tiċċara li, meta jinformaw lill-Kummissjoni dwar l-eżenzjonijiet li jkunu ngħataw, l-Istati Membri jenħtieġ li jispjegaw ukoll il-miżuri li jkunu ħadu jew li jipprevedu għall-konformità mal-obbligi skont ir-Regolament meta jiskadu l-eżenzjonijiet ikkonċernati. Kienu 26 Stat Membru([26]) li nnotifikaw lill-Kummissjoni bil-miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali, inklużi l-eżenzjonijiet li kienu taw f'konformità mar-Regolament.

Meta mqabbel mal-approċċ skont ir-Regolament preċedenti, dan jissuġġerixxi bidla lejn użu aktar strutturat u differenzjat tal-eżenzjonijiet. Skont il-qafas preċedenti, l-eżenzjonijiet intużaw b'mod wiesa' mill-Istati Membri u fil-kategoriji ta' servizzi inġenerali, u spiss kellhom kamp ta' applikazzjoni wiesa', b'xi wħud rinnovabbli wkoll

([23]) BG, CZ, FI, FR, DE, HU, IT, LV, LT, NL, PL, PT, RO, SK, SE.
([24]) AT, HR, HU, LV, PL, RO.
([25]) BG, CZ, HR, DK, DE, HU, LV, RO.
([26]) Barra minn 25 Stat Membru b'network ferrovjarju, Stat Membru wieħed mingħajr network ferrovjarju (MT) innotifika miżuri ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni, l-ieħor (CY) għadu ma għamilx dan. B'mod partikolari, għandu jinħatar korp nazzjonali tal-infurzar (NEB) biex jiżgura l-monitoraġġ u l-infurzar tal-obbligi fir-Regolament fir-rigward tal-bejjiegħa tal-biljetti u l-operaturi tal-vjaġġi li jistgħu jkunu stabbiliti fit-territorju ta' Stat Membru mingħajr network ferrovjarju.

fuq perjodi twal. Skont il-qafas kurrenti, l-eżenzjonijiet għadhom jeżistu, b'mod partikolari għas-servizzi urbani, suburbani u reġjonali, iżda hemm distinzjoni aktar ċara bejn grupp limitat ta' utenti aktar estensivi([27]) u sett dejjem jikber ta' Stati Membri li ftit li xejn jużaw derogi([28]) jew (kważi)([29]) ma jużaw ebda deroga([30]). Barra minn hekk, l-eżenzjonijiet huma aktar spiss definiti bħala eċċezzjonijiet immirati u speċifiċi għad-dispożizzjonijiet jew differimenti b'terminu, aktar milli esklużjonijiet wesgħin u miftuħa, li jissuġġerixxi tnaqqis gradwali tar-rwol tal-eżenzjonijiet u espansjoni korrispondenti tal-firxa tar-Regolament fil-prattika.

2.2. Trattament ugwali (l-Artikolu 5)

L-Artikolu 5 tar-Regolament jirrikjedi li l-impriżi ferrovjarji, il-bejjiegħa tal-biljetti u l-operaturi tal-vjaġġi joffru kundizzjonijiet kuntrattwali u tariffi mingħajr diskriminazzjoni diretta jew indiretta bbażata fuq in-nazzjonalità tal-passiġġier (ta' Stat Membru) jew il-post tal-istabbiliment tal-fornitur fl-UE. Din id-dispożizzjoni hija mingħajr preġudizzju għat-tariffi soċjali u tapplika wkoll għar-riservazzjonijiet skont l-Artikolu 11 tar-Regolament. Dispożizzjonijiet simili kontra d-diskriminazzjoni diġà kienu jeżistu għal mezzi oħra ta' trasport qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament, filwaqt li fil-kuntest tal-ivvjaġġar bil-ferrovija, kienet tintuża d-dispożizzjoni ġenerali dwar in-nondiskriminazzjoni tat-Trattat (l-Artikolu 18 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE). L-introduzzjoni tal-Artikolu 5 għalhekk iżżid iċ-ċertezza legali. Barra minn hekk, dan l-Artikolu huwa waħda mid-dispożizzjonijiet obbligatorji ewlenin tar-Regolament li ma tistax tiġi eżentata għal servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri (sub)urbani u reġjonali, u lanqas ma tista' tiġi eżentata għal servizzi domestiċi fuq distanzi twal.

Abbażi tal-evidenza disponibbli miġbura fil-kuntest tal-istudju ta' sostenn, jidher li ma hemm l-ebda diskriminazzjoni diretta bbażata fuq in-nazzjonalità fi kwalunkwe Stat Membru. L-impriżi ferrovjarji kkonsultati kkonfermaw li, għalkemm jistgħu japplikaw tariffi differenti (eż. tariffa soċjali, skont għall-gruppi, żieda fil-prezz qrib id-data tal-ivvjaġġar, prezzijiet differenti skont il-bejjiegħ tal-biljetti), ma tiġi applikata l-ebda diskriminazzjoni jew pprezzar differenti abbażi tan-nazzjonalità.

Fl-istess ħin, hemm ukoll indikazzjonijiet fl-istudju ta' sostenn li n-nonċittadini ta' Stat Membru jistgħu jkunu soġġetti għal trattament differenti fil-prattika minħabba r-rekwiżiti biex jiġi żgurat l-aċċess għat-tariffi soċjali, eż. il-ħtieġa ta' ċertifikati nazzjonali. Dan jista' potenzjalment jillimita l-aċċess għal tali skontijiet għall-passiġġieri li ma jkunux ċittadini tal-Istat Membru kkonċernat, peress li anke jekk normalment jikkwalifikaw għall-iskont (eż. minħabba li jkunu persuni b'diżabbiltà jew persuni b'mobbiltà mnaqqsa jew studenti), jista' ma jkollhomx iċ-ċertifikazzjoni nazzjonali meħtieġa biex jixtru biljett skontat. F'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE([31]), kull każ li jikkonċerna t-tariffi soċjali għar-residenti jrid jiġi vvalutat individwalment u jista' jitqies aċċettabbli skont id-dritt tal-UE jekk ikun iġġustifikat minn kunsiderazzjonijiet oġġettivi ta' interess pubbliku, irrispettivament min-nazzjonalità tal-persuni kkonċernati, u jekk il-miżura tkun proporzjonata għall-objettiv segwit.

([27]) BG, HU, RO.
([28]) AT, CZ, DE, FI, FR, HR, LU, LV, PL, PT, SE, SK.
([29]) B'mod partikolari, bosta Stati Membri eżentaw biss mir-Regolament is-servizzi li huma strettament imħaddma għal skopijiet storiċi jew turistiċi.
([30]) BE, DK, EE, EL, ES, IE, IT, LT, NL, SI.
([31]) Ara eż. is-sentenza tal-1 ta' Ottubru 2009, Gottwald, C-103/08, EU:C:2009:597, il-punti 27 u 30.

Ir-rapporti tal-NEB skont l-Artikolu 32 tar-Regolament minn tliet Stati Membri ([32]) isemmu l-Artikolu 5 fid-deskrizzjoni tal-attivitajiet ta' infurzar tagħhom. Madankollu, bħalissa ma hemm l-ebda lment, investigazzjoni jew penali relatata b'mod espliċitu mal-Artikolu 5 tar-Regolament. Rapport wieħed biss ta' NEB([33]) jelenka 14-il ilment bħala "Diskriminazzjoni ta' passiġġieri bbażata fuq in-nazzjonalità" minn 647 inċident relatat mar-Regolament fl-2024, iżda ma hemmx dettalji dwar l-eżiti, l-investigazzjonijiet jew il-penali skont ir-Regolament. Rapport ta' NEB ieħor([34]) jelenka l-Artikolu 5 tar-Regolament taħt il-penali iżda ma jsemmi l-ebda sanzjoni. Dan jaqbel mal-intervisti li saru fil-kuntest tal-istudju ta' sostenn, li jindikaw li l-kwistjonijiet ta' diskriminazzjoni bbażati direttament fuq in-nazzjonalità huma rari jew assenti għalkollox.

2.3. Ġarr ta' roti (l-Artikolu 6)

Ir-Regolament isaħħaħ id-dritt preeżistenti għall-ġarr tar-roti skont ir-Regolament (KE) Nru 1371/2007 billi jistabbilixxi li l-passiġġieri għandhom ikunu intitolati li jieħdu roti abbord (għal tariffa raġonevoli fejn xieraq). Dan jinkludi d-dritt li ssir riservazzjoni għall-ġarr tar-rota fuq il-ferroviji li għalihom huma meħtieġa r-riservazzjonijiet, u l-għoti ta' rimedji għal ċaħda mhux ġustifikata ta' spazji riservati (ridirezzjonar tar-rotta skont l-Artikolu 18, kumpens skont l-Artikolu 19, assistenza skont l-Artikolu 20(2) tar-Regolament). Ir-Regolament jintroduċi wkoll obbligi ta' stivar (l-użu ta' spazji apposta fejn disponibbli, inkella l-passiġġier irid iżomm ir-rota stivata taħt għajnejh biex jiżgura li ma tkunx ta' dannu għall-passiġġieri l-oħrajn jew ta' tfixkil għall-operazzjonijiet ferrovjarji). L-impriżi ferrovjarji huma meħtieġa wkoll jippubblikaw il-limiti tal-kapaċità u l-kundizzjonijiet fuq is-siti web u fl-istazzjonijiet, billi japplikaw l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà relatati mal-applikazzjonijiet telematiċi għas-servizzi tal-passiġġieri. Ir-Regolament jintroduċi wkoll rekwiżit li, mis-7 ta' Ġunju 2025, il-proċeduri ta' akkwist għal vetturi ferrovjarji ġodda jew għal titjib kbir ta' vetturi ferrovjarji eżistenti li jkunu jeħtieġu awtorizzazzjoni ġdida għall-vetturi biex jiġu introdotti fis-suq (esklużi l-vaguni ristoranti, tal-irqad jew tal-kuċċetti) iridu jinkorporaw għadd adegwat ta' spazji apposta għar-roti mmuntati (għall-kuntrarju ta' dawk li jintwew biss) fil-kompożizzjonijiet tal-ferroviji. Barra minn hekk, l-Artikolu 6(5) u (6) jippermetti lill-impriżi ferrovjarji jew lill-awtoritajiet kompetenti skont ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 jadottaw pjanijiet għall-ġarr tar-roti wara konsultazzjoni pubblika. Fin-nuqqas ta' tali pjanijiet jew fejn il-pjanijiet ma jiddeterminawx għadd ta' spazji apposta għar-roti mmuntati, kull kompożizzjoni tal-ferrovija għandu jkollha mill-inqas erba' postijiet għar-roti. Dan ir-rekwiżit jista' jkun soġġett għal eċċezzjonijiet iġġustifikati b'mod oġġettiv (eż. id-domanda staġunali għall-iskijjar fuq rotot fejn ftit jintużaw roti), filwaqt li l-Istati Membri jistgħu jimponu valuri minimi ogħla għal ċerti tipi ta' servizzi.

Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6 jistgħu jiġu **eżentati** għas-servizzi ferrovjarji urbani u suburbani tal-passiġġieri (l-Artikolu 2(6)(a)), servizzi internazzjonali li parti sinifikanti minnhom titħaddem barra mill-UE (l-Artikolu 2(6)(b)), u servizzi li jitħaddmu strettament għal użu storiku jew turistiku (l-Artikolu 2(2)). Madankollu, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6 ma jistgħux jiġu eżentati u dejjem japplikaw bis-sħiħ għas-servizzi ferrovjarji reġjonali tal-passiġġieri (l-Artikolu 2(8), it-tieni subparagrafu) u għas-servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri fuq distanzi twal, li huma definiti bħala mhux urbani, mhux suburbani, u mhux reġjonali (l-Artikolu 3(15)). Dan jiżgura li r-rekwiżiti tal-ġarr tar-roti jibqgħu obbligatorji għal dawn is-servizzi ewlenin tan-network. B'mod ġenerali, il-possibbiltà li tiġi eżentata din id-dispożizzjoni ma ntużatx ħafna madwar l-Istati Membri: għas-servizzi

([32]) BE, CZ, PT.
([33]) PT.
([34]) BE.

ferrovjarji urbani jew suburbani, seba' Stati Membri([35]) innotifikaw eżenzjonijiet, filwaqt li seba' Stati Membri([36]) innotifikaw eżenzjonijiet fir-rigward tas-servizzi internazzjonali li parti sinifikanti minnhom, inkluż mill-inqas waqfa waħda skedata fl-istazzjon, titħaddem barra mill-UE.

F'termini ta' sejbiet, l-istudju ta' sostenn jissuġġerixxi li ħames Stati Membri jirrikjedu li l-impriżi ferrovjarji jiżviluppaw **pjanijiet għar-roti**([37]). F'żewġ Stati Membri, l-impriżi ferrovjarji żviluppaw pjanijiet bħal dawn mingħajr rekwiżiti nazzjonali([38]). L-għadd ta' spazji għar-roti huwa deskritt fil-pjanijiet għar-roti tal-impriżi ferrovjarji li joperaw f'erba' Stati Membri([39]). L-istudju ta' sostenn jindika li dawn il-pjanijiet ġew stabbiliti f'konsultazzjoni mal-pubbliku u mal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi rilevanti.

Abbażi tal-informazzjoni disponibbli, jidher ukoll li Stat Membru wieħed (Franza) għadda **leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi għadd minimu ogħla ta' spazji għar-roti**: tmien spazji għal ferroviji ġodda u rinnovati destinati għal servizzi ta' aċċess miftuħ, servizzi ta' interess nazzjonali u ċerti servizzi reġjonali([40]).

L-istudju ta' sostenn sab ukoll li **l-għadd minimu ta' erba' spazji għar-roti** huwa rispettat mill-impriżi ferrovjarji stabbiliti li joperaw fi 17-il Stat Membru([41]). F'ċirkostanzi speċifiċi, madankollu, jistgħu jkunu disponibbli anqas minn erba' spazji għar-roti f'servizzi pprovduti minn impriżi ferrovjarji f'14-il Stat Membru([42]). Dan jista' jkun, pereżempju, minħabba l-kapaċità limitata fuq ċerti ferroviji, rotot jew servizzi, jew minħabba limiti stabbiliti matul staġuni speċifiċi jew meta l-ferroviji jkunu affollati b'mod eċċessiv. L-għadd minimu ta' spazji għar-roti magħmula disponibbli minn kull impriża ferrovjarja jista' jvarja wkoll skont il-ferrovija jew is-servizz. Fl-istess ħin, f'xi sitwazzjonijiet, jistgħu jkunu disponibbli aktar minn erba' spazji tar-roti f'servizzi pprovduti minn impriżi ferrovjarji stabbiliti fi 11-il Stat Membru([43]). Dan jista' jkun, pereżempju, meta jintużaw vetturi ferrovjarji aktar ġodda.

Peress li l-Artikolu 6(4) tar-Regolament daħal fis-seħħ f'Ġunju 2025, fi kważi l-Istati Membri kollha b'servizzi ferrovjarji, l-impriżi ferrovjarji li ġew ivvalutati fl-istudju ta' sostenn issa jidhru li qed iqisu r-rekwiżiti ta' għadd minimu ta' spazji għar-roti meta **jakkwistaw** vetturi ferrovjarji ġodda.

L-istudju ta' sostenn jindika wkoll li l-impriżi ferrovjarji fi kważi l-Istati Membri kollha jirrikjedu **tariffa** biex jittrasportaw rota abbord ferrovija. Dawn it-tariffi fissi jew varjabbli huma tipikament fil-medda ta' EUR 1,50 sa EUR 7,95. Il-biċċa l-kbira tal-impriżi ferrovjarji jirrikjedu wkoll **riservazzjoni minn qabel**, b'mod partikolari għal servizzi fejn ir-riservazzjoni tal-postijiet hija obbligatorja.

([35]) AT, BG, FR, HU, PT, RO u SK. Għal FR, l-eżenzjoni notifikata ma tapplikax għall-Artikolu 6(3) u (4) tar-Regolament.
([36]) BG, CZ, FI, HU, LV, PL,RO.
([37]) DE (minn Diċembru 2025), ES, FR, HU, LU; L-Artikolu 6(5) tar-Regolament jippermetti lill-Istati Membri jirrikjedu lill-awtoritajiet kompetenti u lill-impriżi ferrovjarji li joperaw fit-territorju tagħhom jistabbilixxu dawn il-pjanijiet.
([38]) In-NL u l-DE (fid-DE kien hemm pjanijiet għar-roti qabel ma beda japplika r-rekwiżit legali nazzjonali li jkun hemm pjan).
([39]) DE, FR, HU, NL.
([40]) *Code des transports, Article D1272-5*, kif imdaħħal mid-*Décret n 2021-41 du 19 janvier 2021 relatif à l'emport de vélos non démontés à bord des trains de voyageurs*.
([41]) BE, CZ, DE, DK, EE, FI, FR, HU, IE, IT, LT, LU, LV, PT, RO, SI, SK.
([42]) BE, BG, DE, EL, ES, FI, FR, HU, IE, IT, NL, PL, SE, SI.
([43]) BE, DE, EE, EL, FI, FR, HU, LU, LV, PL, PT.

Il-biċċa l-kbira tal-impriżi ferrovjarji koperti mill-istudju ta' sostenn jidhru li jimponu xi forma ta' **restrizzjoni operazzjonali** (eż. il-ħinijiet l-aktar intensivi, regoli staġunali, fuq servizzi li jaħdmu minflok il-karozzi tal-linja), inkluż fir-rigward tal-piż u d-dimensjonijiet tar-roti ttrasportati (eż. restrizzjonijiet fuq ir-roti għall-ġarr tal-merkanzija jew fuq il-"fatbikes").

Fi ftit kliem, jidher li hemm livell ġeneralment tajjeb ta' implimentazzjoni li ħoloq ukoll momentum pożittiv biex jitħeġġeġ il-ġarr tar-roti fuq il-ferroviji.

Abbażi tar-rapporti tal-NEBs, kien hemm ftit każijiet ta' lmenti relatati mar-roti fl-Istati Membri analizzati. Żewġ NEBs([44]) irreġistraw żewġ ilmenti kull wieħed, filwaqt li NEB ieħor([45]) irreġistra lment wieħed; NEB wieħed([46]) indika li 0,7 % tal-ilmenti li rċieva kienu jirrigwardaw ir-roti. NEB([47]) ieħor qed jimmonitorja jekk l-informazzjoni dwar il-ġarr tar-roti tintweriex fuq is-siti web tat-trasportaturi u ppjana attivitajiet ta' infurzar fil-futur. Dwar il-monitoraġġ ġenerali tal-Artikolu 6 tar-Regolament mill-NEBs, huwa meħtieġ monitoraġġ kontinwu u, fejn rilevanti, trid tittieħed azzjoni dwar l-għadd minimu ta' roti fuq il-ferroviji u l-informazzjoni lill-passiġġieri dwar il-kundizzjonijiet għall-ġarr tar-roti.

2.4. Informazzjoni dwar l-ivvjaġġar f'ħin reali (l-Artikolu 10)

L-Artikolu 10 tar-Regolament introduċa l-possibbiltà li jkun hemm aċċess għal informazzjoni f'ħin reali dwar id-dewmien, ir-riservazzjonijiet u d-disponibbiltà biex is-suq tal-biljettar ferrovjarju jsir aktar dinamiku u biex jiġi mħeġġeġ il-bejgħ ta' biljetti aktar innovattivi. Din il-possibbiltà jenħtieġ li tippermetti lit-trasportaturi ferrovjarji, lill-bejjiegħa tal-biljetti u lill-operaturi tal-vjaġġi differenti jbigħu pakketti ta' biljetti minn trasportaturi differenti u għal varjetà ta' konnessjonijiet. Barra minn hekk, l-artikolu jelimina d-diskriminazzjoni preċedenti bejn il-passiġġieri, fejn dawk li jkunu xtraw il-biljett direttament mill-impriża ferrovjarja biss jiksbu informazzjoni sħiħa dwar id-dewmien (li jseħħ f'ħin reali, jekk it-trasportatur joffri tali informazzjoni, pereżempju f'applikazzjoni) u l-possibbiltajiet ta' konnessjonijiet ulterjuri biex ikomplu l-vjaġġ.

L-Artikolu 10 tar-Regolament, li jibni fuq l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1371/2007, fih żewġ raġunijiet għall-kondiviżjoni tad-data bejn atturi differenti fis-settur ferrovjarju usa'. L-ewwel nett, jobbliga lill-amministraturi tal-infrastruttura sabiex jikkondividu d-data f'ħin reali dwar il-wasla u t-tluq tal-ferroviji lill-impriżi ferrovjarji, lill-bejjiegħa tal-biljetti, lill-operaturi tal-vjaġġi u lill-amministraturi tal-istazzjonijiet. It-tieni, l-impriżi ferrovjarji jridu jipprovdu lill-impriżi ferrovjarji l-oħra, lill-bejjiegħa tal-biljetti u lill-operaturi tal-vjaġġi li jbigħu s-servizzi tagħhom b'aċċess għall-informazzjoni minima dwar l-ivvjaġġar (Anness II, il-Partijiet I u II) u b'aċċess għall-operazzjonijiet dwar is-sistemi ta' riservazzjoni (Anness II, il-Parti III). Kif imsemmi aktar 'il fuq, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw dan l-Artikolu sas-7 ta' Ġunju 2030 jekk ma jkunx teknikament fattibbli għall-amministratur tal-infrastruttura li jikkonforma mar-rekwiżit li jikkondividi data dwar it-traffiku f'ħin reali skont ir-regoli stabbiliti mill-Artikolu 10.

Jekk ikun teknikament impossibbli għall-amministraturi tal-infrastruttura li jippreżentaw data dwar it-traffiku f'ħin reali (jiġifieri din id-data ma tistax tiġi pprovduta lil xi entità), allura Stat Membru jista' japplika eżenzjoni minn dan l-obbligu sal-2030. Madankollu, l-Istat Membru jrid jirrivaluta s-sitwazzjoni u jirrapporta lill-Kummissjoni Ewropea kull

([44]) BE, PT.
([45]) LT.
([46]) IT.
([47]) CZ.

sentejn. Dan l-obbligu ta' rapportar ġie introdott biex joħorġu d-diffikultajiet u biex jgħin biex jinstabu malajr soluzzjonijiet għal problemi tekniċi bħal dawn.

F'termini tad-distribuzzjoni ta' data f'ħin reali mill-amministraturi tal-infrastruttura skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament, sitt Stati Membri([48]) innotifikaw lill-Kummissjoni b'**eżenzjoni** sħiħa **għal dan l-Artikolu sal-2030**. Ċerti Stati Membri oħra nnotifikaw eżenzjonijiet speċifiċi għal dan l-Artikolu għas-servizzi urbani u suburbani([49]); is-servizzi reġjonali([50]); is-servizzi internazzjonali lil hinn mill-UE([51]); u s-servizzi għal użu storiku jew turistiku([52]).

Fir-rigward tal-obbligu impost fuq l-**amministraturi tal-infrastruttura** mill-Artikolu 10(1) tar-Regolament, l-istudju ta' sostenn jindika distribuzzjoni mifruxa ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali lill-impriżi ferrovjarji, iżda l-informazzjoni f'ħin reali mogħtija lil atturi oħra ma hijiex uniformi. Skont l-istudju, l-amministraturi tal-infrastruttura jidhru li jagħtu informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali lill-impriżi ferrovjarji fi 22 Stat Membru([53]); lill-amministraturi tal-istazzjonijiet fi 11-il Stat Membru ([54]) ; lill-bejjiegħa tal-biljetti fi 12-il Stat Membru([55]); u lill-operaturi tal-vjaġġi f'għaxar Stati Membri([56]). L-istudju juri wkoll li l-amministraturi tal-infrastruttura jipprovdu data mingħajr ħlas fi 12-il Stat Membru([57]). Xi Stati Membri rrapportaw evidenza ta' relazzjonijiet kuntrattwali għall-forniment ta' tali data([58]). Fi Franza, l-amministratur tal-infrastruttura juri d-data f'żewġ forom. L-ewwel, fil-forma ta' data miftuħa, li hija mingħajr ħlas għall-atturi kollha li jixtiequ jaċċessawha. Barra minn hekk, l-amministratur tal-infrastruttura joffri wkoll tipi differenti ta' data li jistgħu jiġu integrati direttament fis-sistemi ta' kull attur, bħall-bejjiegħa tal-biljetti u l-operaturi tal-vjaġġi. Dan it-tip ta' data ma huwiex obbligatorju għal dawn id-distributuri tal-biljetti, għalkemm l-amministratur tal-infrastruttura jħeġġeġ l-użu u d-disponibbiltà tiegħu.

Fir-rigward tal-Artikolu 10(2) tar-Regolament, li jobbliga lill-**impriżi ferrovjarji** jipprovdu lil impriżi ferrovjarji oħrajn, lill-bejjiegħa tal-biljetti u lill-operaturi tal-vjaġġi li jbigħu s-servizzi tagħhom b'aċċess għal informazzjoni minima dwar l-ivvjaġġar kif stabbilit mir-Regolament, jirriżulta mill-Artikolu 2(5) tar-Regolament li eżenzjoni minn Stat Membru testendi għad-dispożizzjonijiet kollha tal-Artikolu 10. Għalhekk, l-istess Stati Membri li eżentaw l-Artikolu 10(1) tar-Regolament huma eżentati wkoll mir-rekwiżiti tal-Artikolu 10(2) tar-Regolament.

L-evidenza disponibbli mill-istudju ta' sostenn tindika li fi tmien Stati Membri, l-impriżi ferrovjarji jikkondividu l-informazzjoni meħtieġa ma' impriżi ferrovjarji oħrajn([59]); fi tmien Stati Membri mal-bejjiegħa tal-biljetti ([60]) u f'ħames Stati Membri mal-operaturi tal-

([48]) AT, HR, HU, LV, PL u RO.
([49]) FR, LU, PT, SK.
([50]) FR, LU, PT, SK.
([51]) BG, CZ, FI.
([52]) BG, CZ, DE, FI, FR, IT, LT, NL, PT, SE, SK.
([53]) BE, BG, CZ, DE, DK, EE, EL, ES, FI, FR, HR, HU, IE, IT, LT, LV, PL, PT, RO, SE, SI, SK.
([54]) BE, BG, DE, ES, FI, FR, HU, IE, RO, SE,SI.
([55]) BE, CZ, DE, ES, FI, FR, HR, HU, IE, RO, SE, SI.
([56]) BE, CZ, DE, ES, FI, FR, HU, IE, SE, SI.
([57]) BE, BG, CZ, DK, ES, FI, IE, LT, PT, SE, SI, SK.
([58]) DE, EE, PT, RO, SK, SI. Għal FR, filwaqt li ma setgħet tinkiseb l-ebda informazzjoni dwar is-suġġett, il-fatt li l-amministratur tal-infrastruttura jitlob ħlas għad-distribuzzjoni ta' ċerta data f'ħin reali jissuġġerixxi li jistgħu jeżistu xi arranġamenti kuntrattwali.
([59]) CZ, DE, LT, LU, NL, SE, SI, SK.
([60]) CZ, DE, LT, NL, PL, SE, SI,SK.

vjaġġi([61]). L-evidenza tindika wkoll li ġiet kondiviża informazzjoni ta' qabel il-vjaġġi fi 11-il Stat Membru([62]); informazzjoni relatata mal-vjaġġi f'seba' Stati Membri([63]); u aċċess għall-operazzjonijiet dwar is-sistemi ta' riservazzjoni f'għaxar Stati Membri([64]). Fir-rigward ta' ħlasijiet, l-impriżi ferrovjarji f'żewġ Stati Membri jimponu xi tariffi([65]), filwaqt li l-aċċess huwa bla ħlas fi 12-il Stat Membru([66]). Kuntratti formali jew arranġamenti oħra ma' impriżi ferrovjarji għal informazzjoni minima dwar l-ivvjaġġar ġew irrapportati f'erba' Stati Membri([67]).

Ir-rapporti tal-NEBs jindikaw li xi NEBs([68]) irċevew ilmenti dwar l-informazzjoni mingħajr ma speċifikaw jekk l-ilment kienx relatat ma' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali. NEB wieħed([69]) enfasizza l-attivitajiet ta' infurzar tiegħu dwar din il-kwistjoni fir-rapport tiegħu.

2.5. Biljetti globali (Artikolu 12)

2.5.1. L-obbligu li jiġu offruti biljetti globali għal impriżi ferrovjarji uniċi

L-Artikolu 12(1) tar-Regolament introduċa obbligu ġdid li s-servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri reġjonali jew fuq distanzi twal imħaddma minn "impriża ferrovjarja waħda"([70]) għandhom jiġu offruti bħala biljett globali([71]) minn dawk l-impriżi. L-għan ta' din il-miżura huwa li tiżgura protezzjoni aktar komprensiva tal-passiġġieri li jħabbtu wiċċhom ma' konnessjonijiet mitlufa matul il-vjaġġ tagħhom u li żżid id-disponibbiltà ta' biljetti globali fis-suq. B'mod partikolari, il-passiġġieri b'biljett globali li jitilfu konnessjoni bejn is-servizzi ferrovjarji koperti minn dak il-biljett għandhom id-dritt li jiġu offruti l-għażla bejn ir-rimborż tal-prezz tal-biljett jew il-kontinwazzjoni/ir-ridirezzjonar tar-rotta sad-destinazzjoni finali; id-dritt għal kumpens (ħlief meta l-biljett ikun ġie rrimborżat); u d-dritt għall-assistenza (xorb, ikel, akkomodazzjoni)([72]).

Is-sejbiet mill-istudju ta' sostenn juru li fl-Istati Membri kollha fejn huma disponibbli s-servizzi ferrovjarji, l-impriżi ferrovjarji li jikkwalifikaw bħala "impriża ferrovjarja waħda" ġeneralment joffru vjaġġi fuq is-servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri fuq distanzi twal u reġjonali tagħhom stess bħala biljett globali. Din il-konformità ġenerali tista' tiġi spjegata mill-kamp ta' applikazzjoni ristrett tal-obbligu, li huwa limitat għas-servizzi ta' "impriża ferrovjarja waħda", jiġifieri tal-istess impriża ferrovjarja jew ta' diversi impriżi taħt l-istess sjieda sħiħa.

([61]) CZ, DE, NL, SE, SI.
([62]) BE, CZ, DE, DK, LT, LU, NL, PT, SE, SI, SK.
([63]) BE, DE, NL, PL, PT, SI, SK.
([64]) BE, DE, DK, LU, NL, PL, PT, SE, SI, SK.
([65]) FR, NL.
([66]) CZ, DK, FR, HU, LT, LU, NL, PL, RO, SE, SI, SK.
([67]) LU, PT, SI, SK.
([68]) BE, BG, EL, ES, HR, PL, RO.
([69]) EL.
([70]) It-terminu "impriża ferrovjarja waħda" ma jinkludix biss is-servizzi tal-istess impriża ferrovjarja, iżda wkoll tal-impriżi ferrovjarji kollha li jew huma proprjetà sħiħa tal-istess sid, jew huma impriżi sussidjarji proprjetà sħiħa ta' waħda mill-impriżi ferrovjarji involuti.
([71]) Biljett globali huwa definit fl-Artikolu 3(35) tad-Direttiva 2012/34/UE tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea bħala "*biljett jew biljetti li jirrappreżentaw kuntratt ta' trasport għal servizzi ferrovjarji suċċessivi mħaddma minn impriża ferrovjarja waħda jew aktar*." Ara wkoll l-Artikolu 3(9) tar-Regolament (UE) 2021/782.
([72]) L-Artikolu 12 *(Biljetti globali),* il-paragrafu 3 tar-Regolament.

Barra minn hekk, f'xi Stati Membri ġew identifikati xi karatteristiċi partikolari. Pereżempju, fil-Lussemburgu, l-ivvjaġġar bil-ferrovija tat-tieni klassi fuq servizzi tal-passiġġieri mħaddma mill-impriża ferrovjarja ewlenija huwa mingħajr ħlas u ma jeħtieġx biljett (globali)([73]). Fin-Netherlands, hemm fis-seħħ sistema nazzjonali ta' check-in u check-out. Il-vjaġġi tal-passiġġieri jibdew meta jagħmlu check-in fl-istazzjon tat-tluq u jintemmu meta jagħmlu check-out fl-istazzjon tad-destinazzjoni finali, irrispettivament minn kwalunkwe trasferiment, tip ta' servizzi ferrovjarji użat jew tibdil tal-impriża ferrovjarja. Fil-prattika, dan jidher li jaħdem bħala sistema ta' biljettar globali.

2.5.2. Kooperazzjoni għal servizzi ferrovjarji oħra tal-passiġġieri

Għas-servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri minbarra s-servizzi fuq distanzi twal jew reġjonali mħaddma minn impriżi ferrovjarji uniċi, l-Artikolu 12(1) tar-Regolament jiddikjara li l-impriżi ferrovjarji għandhom jagħmlu l-isforzi raġonevoli kollha biex joffru biljetti globali u għandhom jikkooperaw bejniethom għal dak il-għan.

Fir-rigward tas-servizzi ferrovjarji urbani u suburbani tal-passiġġieri, is-sejbiet tal-istudju ta' sostenn juru li l-biljetti globali jiġu offruti wkoll għal dawn is-servizzi mħaddma mill-impriżi ferrovjarji fi 17-il Stat Membru([74]). Jidher li saħansitra jiġu offruti mill-impriża ferrovjarja ewlenija f'żewġ Stati Membri li nnotifikaw eżenzjoni mill-Artikolu 12(1) tar-Regolament għas-servizzi (sub)urbani([75]). Dawn il-każijiet jindikaw li l-biljetti globali jistgħu jkunu qed jiġu offruti fil-prattika b'mod aktar wiesa' għal dawn is-servizzi milli jista' jiġi dedott mill-qafas tal-eżenzjonijiet waħdu. Min-naħa l-oħra, il-biljetti globali għas-servizzi (sub)urbani ma jidhrux li huma disponibbli fi tliet Stati Membri li ma nnotifikawx eżenzjoni għall-Artikolu 12(1) tar-Regolament([76]).

Fir-rigward tal-ivvjaġġar domestiku bil-ferrovija (jiġifieri fi Stat Membru wieħed), instabet evidenza ta' skemi ta' biljettar globali li jkopru diversi impriżi ferrovjarji f'għadd limitat ta' Stati Membri:

- Fiċ-Ċekja, taħt is-sistema *Oneticket*, il-vjaġġ kollu jitqies bħala kuntratt ta' trasport wieħed meta jseħħ fi ħdan in-network ferrovjarju tal-pajjiż, irrispettivament mill-għadd ta' impriżi ferrovjarji. Japplikaw id-drittijiet tal-passiġġieri għall-interruzzjonijiet tal-vjaġġ([77]).

- Fil-Ġermanja, l-impriżi ferrovjarji jipparteċipaw f'sistema ta' noll komuni taħt id-*Deutschlandtarif*. Il-biljetti maħruġa għal vjaġġ li jikkonsisti f'servizzi ferrovjarji direttament biswit xulxin ta' impriżi li jipparteċipaw fid-*Deutschlandtarif*, inklużi passes temporanji bħad-Deutschlandticket ta' xahar, jitqiesu bħala biljett globali skont ir-Regolament. Id-Deutschlandtarif tikkonċerna prinċipalment is-servizzi ferrovjarji reġjonali u (sub)urbani tal-passiġġieri pprovduti minn madwar 50

([73]) Il-Lussemburgu eżenta s-servizzi ferrovjarji reġjonali domestiċi tal-passiġġieri mill-applikazzjoni tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament sa Ġunju 2028. Ara l-istudju ta' sostenn għar-Rapport dwar l-implimentazzjoni u r-riżultati tar-Regolament (UE) 2021/782 dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji, it-Taqsima 2.6.4.1 *Disponibbiltà ta' biljetti globali* fir-rapport finali.
([74]) BE, CZ, DE, DK, EE, EL, ES, FI, HR, HU, IE, LV, NL, RO, SE, SI, SK.
([75]) HU, SK.
([76]) IT, LT, PL.
([77]) https://oneticket.cz.

impriża ferrovjarja pubblika u privata u ma tinkludix servizzi fuq distanzi twal minn eż. DB Fernverkehr AG, Flixtrain jew Eurostar([78]).

- Fl-Ungerija, il-biljetti kollha għall-vjaġġi domestiċi huma meqjusa bħala biljetti globali, inklużi l-biljetti għall-vjaġġi li jkopru diversi impriżi ferrovjarji differenti. Madankollu, il-biċċa l-kbira tas-servizzi ferrovjarji domestiċi tal-passiġġieri huma mħaddma minn MÁV u GYSEV. Din tal-aħħar tħaddem biss xi servizzi ferrovjarji fil-Majjistral tal-pajjiż. GYSEV hija wkoll parzjalment proprjetà tal-Istat Ungeriż, bħal MÁV([79]).

- Fil-Polonja, PKP Intercity tikkoopera ma' disa' impriżi ferrovjarji reġjonali biex toffri biljetti konġunti li jintegraw in-nollijiet (*Wspolny Bilet*, jew WB). Il-biljett WB ma huwiex estiż għall-vjaġġi fuq il-ferroviji TLK([80]) jew Intercity (IC) f'vaguni tal-irqad jew bil-kuċċetti, jew għas-servizzi ferrovjarji mħaddma minn impriżi ferrovjarji li ddeċidew li ma jiħdux sehem f'din il-kooperazzjoni([81]). Fil-każ ta' dewmien jew ta' ostakli oħra li jikkawżaw konnessjonijiet mitlufa, il-passiġġieri jistgħu jiksbu ċertifikat ta' dewmien għall-kontinwazzjoni b'kundizzjonijiet tal-vjaġġ tagħhom fuq il-ferrovija disponibbli li jkun imiss tal-impriża ferrovjarja parteċipanti, suġġett għad-disponibbiltà tal-postijiet, bi dritt għal rifużjoni jew kumpens mill-impriża ferrovjarja li toħroġ il-biljett għan-noll integrat kollu([82]). Madankollu, l-iskema ma tkoprix xi impriżi ferrovjarji indipendenti attivi fis-suq Pollakk bħal RegioJet u Leo Express([83]).

- Fl-Iżvezja, *Resplus* tagħti lill-passiġġieri l-possibbiltà li jikkombinaw l-ivvjaġġar ma' diversi operaturi tat-trasport (ferrovija, xarabank, lanċa, eċċ.) taħt biljett wieħed ta' Resplus, bis-saħħa tal-kooperazzjoni bejn l-operaturi tat-trasport pubbliku tal-Iżvezja. Kull ferrovija li tibda jew tispiċċa fl-Iżvezja hija koperta minn Resplus. F'każ ta' konnessjoni mitlufa matul vjaġġ ta' Resplus, tapplika l-*Kom-Fram-Garanti* (garanzija tal-wasla). Dan ifisser li l-operatur tat-trasport, li minħabba fih il-passiġġier jitlef il-konnessjoni tiegħu, ikun responsabbli: biex jiżgura li l-passiġġier ikun jista' jkompli l-vjaġġ tiegħu; biex jipprovdi alternattivi għall-prenotazzjoni mill-ġdid; biex joffri akkomodazzjoni, ikel u xorb; u biex jagħti rimborż jew kumpens parzjali jew sħiħ għad-dewmien (għall-vjaġġi kkombinati b'distanza totali ta' aktar minn 150 km), bl-użu tal-istess limiti u valuri bħal fir-Regolament([84]).

Ma jidhirx li hemm kooperazzjoni domestika bejn l-impriżi ferrovjarji fi Stati Membri oħra biex joffru biljetti globali. F'xi każijiet, dan jista' jiġi spjegat mill-fatt li impriża ferrovjarja waħda biss bħalissa tipprovdi servizzi ferrovjarji domestiċi tal-passiġġieri fit-territorju tagħhom.

([78]) Ara https://www.deutschlandtarifverbund.de/ueber-uns/ kif ukoll il-partijiet A u C tal-kundizzjonijiet tan-nollijiet (*Tarifbedingungen*; verżjoni tal-14 ta' Diċembru 2025).

([79]) https://www.mavcsoport.hu/sites/default/files/upload/page/vasuti_uzletszabalyzat_25.10.01.pdf.

([80]) It-TLK jew *Twoje Linie Kolejowe* huma ferroviji fuq distanzi twal b'aktar waqfiet u b'veloċitajiet aktar baxxi mill-ferroviji Intercity.

([81]) https://kolejedolnoslaskie.pl/wp-content/uploads/2024/06/Zalacznik-nr-2-do-ZW-WB_dane-przewoznikow.pdf.

([82])https://www.intercity.pl/pl/dokumenty/wspolny-bilet/tekst_ujednolicony_ZW-WB_zm_1-20_2507_2025.pdf.

([83]) Wspólny Bilet - Ministerstwo Infrastruktury - Portal Gov.pl.

([84]) https://samtrafiken.se/tjanster/resplus.

Il-kooperazzjoni dwar is-servizzi ferrovjarji transfruntiera tal-passiġġieri qed isseħħ fuq bażi volontarja biex jiġu offruti biljetti globali għal xi vjaġġi b'konnessjoni waħda jew aktar, iżda din il-kooperazzjoni ma tidhirx li sseħħ fuq bażi sistematika fi ħdan l-UE([85]).

2.5.3. Informazzjoni lill-passiġġieri dwar il-biljetti globali

Jirriżulta mill-Artikolu 12(2) tar-Regolament li għall-vjaġġi li jinkludu konnessjoni waħda jew aktar, il-passiġġier għandu jkun infurmat qabel ma jixtri biljett jew biljetti jekk dak il-biljett jew dawk il-biljetti jkunux jikkostitwixxu biljett globali([86]). Mill-perspettiva tal-passiġġier, dan ir-rekwiżit huwa essenzjali biex jifhem u jantiċipa l-livell ta' protezzjoni assoċjat mal-biljett(i) f'każ ta' interruzzjonijiet matul vjaġġ li jaffettwaw il-konnessjoni tal-passiġġier bejn diversi servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri.

L-istudju ta' sostenn għal dan ir-rapport sab varjetà ta' mezzi li permezz tagħhom il-partijiet ikkonċernati (prinċipalment l-impriżi ferrovjarji stabbiliti) jidhru li jikkonformaw ma' dan ir-rekwiżit ta' informazzjoni ta' qabel ix-xiri. Eżempji msemmija mill-partijiet ikkonċernati jinkludu tikketta jew avviż f'punti differenti fil-ħin tal-proċess tal-prenotazzjoni online([87]), informazzjoni bil-fomm mill-persunal fl-uffiċċji tal-biljetti, fl-uffiċċji tas-servizzi jew waqt il-bejgħ bit-telefown, u informazzjoni fit-termini u l-kundizzjonijiet tal-impriża ferrovjarja. Fl-istess ħin, l-istudju jirrapporta wkoll li, f'xi Stati Membri, il-passiġġieri ma jiġux infurmati qabel ma jixtru dwar jekk il-biljett jew il-biljetti jikkostitwux biljett globali. Għal żewġ Stati Membri, dan jista' jiġi spjegat mill-fatt li l-biljetti domestiċi kollha mixtrija fi tranżazzjoni waħda jitqiesu bħala biljetti globali, u b'hekk tonqos il-ħtieġa li l-passiġġieri jiġu informati b'mod espliċitu qabel ix-xiri([88]). Mill-istudju ta' sostenn jirriżulta wkoll li f'mill-inqas Stat Membru wieħed, l-impriża ferrovjarja ewlenija u l-organizzazzjoni li tirrappreżenta lill-passiġġieri ma qablux dwar jekk din l-informazzjoni ngħatatx qabel ix-xiri([89]).

Għalhekk, jidher li l-passiġġieri mhux dejjem ikunu informati b'mod konsistenti u b'mod ċar qabel ix-xiri dwar jekk il-biljett jew il-biljetti li jixtru għal vjaġġ bil-ferrovija jikkostitwux biljett globali. Il-firxa ta' mezzi potenzjali ta' komunikazzjoni madwar l-Istati Membri li bihom tista' tingħata din l-informazzjoni lill-passiġġieri f'mumenti differenti fil-proċess tal-prenotazzjoni — jekk l-informazzjoni effettivament tingħata — tagħmilha diffiċli għall-passiġġieri biex jinnavigaw il-proċess biex jiksbu l-informazzjoni u jifhmu d-drittijiet tagħhom. Dan huwa saħansitra aktar problematiku meta passiġġier jivvjaġġa ma' diversi impriżi ferrovjarji (fin-nuqqas ta' obbligu li jipprovdu biljetti globali), potenzjalment madwar diversi Stati Membri.

Rapport ta' NEB wieħed isemmi lment relatat ma' informazzjoni dwar il-biljetti globali, mingħajr ma jagħti aktar dettalji([90]).

2.5.4. Responsabbiltà għall-biljetti globali

F'konformità mal-Artikolu 12(3) tar-Regolament, u kif diġà ssemma aktar 'il fuq, meta vjaġġ li jinkludi konnessjoni waħda jew aktar jinbiegħ bħala biljett globali, l-impriża

([85]) Ara SWD(2026) 233.
([86]) Mill-premessi 24 u 25 tar-Regolament jirriżulta li din l-informazzjoni trid tingħata "b'mod ċar".
([87]) Pereżempju, wara li l-passiġġier ikun għażel il-vjaġġ biss u xi drabi anke eżatt qabel il-ħlas biss.
([88]) FI, SE.
([89]) B'mod partikolari, is-sitwazzjoni hija kkontestata fin-Netherlands: l-impriża ferrovjarja tirrapporta li l-passiġġieri jiġu informati qabel ma jiffinalizzaw ix-xiri, filwaqt li l-organizzazzjoni tal-passiġġieri tqis li ma jiġux informati b'mod sistematiku.
([90]) HU.

ferrovjarja għandha tkun responsabbli li tirrimborża jew tipprovdi r-ridirezzjoni([91]), tikkumpensa([92]) u tassisti([93]) lill-passiġġier jekk jitlef konnessjoni waħda jew aktar.

Fl-istudju ta' sostenn, għalkemm il-biċċa l-kbira tal-partijiet ikkonċernati kkonsultati madwar l-Istati Membri analizzati ma setgħux jipprovdu informazzjoni dwar il-kwistjoni, l-evidenza disponibbli, meħuda primarjament mill-impriżi ferrovjarji stabbiliti, tissuġġerixxi li l-maġġoranza l-kbira tal-passiġġieri jagħżlu r-ridirezzjonar tar-rotot meta jitilfu l-konnessjonijiet fuq il-vjaġġi mixtrija b'biljetti globali([94]).

Ir-Regolament iqis ukoll sitwazzjoni fejn impriża ferrovjarja, fuq inizjattiva proprja, tbigħ biljetti kkombinati għal vjaġġ li jinvolvi impriżi ferrovjarji li ma jkunux parti mill-istess impriża ferrovjarja, u tagħmel dan fi tranżazzjoni kummerċjali waħda. F'dak il-każ, hemm suppożizzjoni ġenerali li dan jikkostitwixxi biljett globali — sakemm l-impriża ma tinformax lill-passiġġier, qabel ma jixtri, li l-biljetti jirrappreżentaw kuntratti ta' trasport separati([95]).

Informazzjoni korretta dwar is-servizz ferrovjarju hija essenzjali wkoll meta l-passiġġieri jixtru l-biljetti minn bejjiegħ tal-biljetti jew minn operatur tal-vjaġġi. Meta l-bejjiegħa tal-biljetti jew l-operaturi tal-vjaġġi jbiegħu biljetti separati bħala pakkett fi tranżazzjoni kummerċjali waħda, jenħtieġ li jinformaw b'mod ċar lill-passiġġieri qabel ix-xiri li dawk il-biljetti ma joffrux l-istess livell ta' protezzjoni bħall-biljetti globali, u li dawk il-biljetti ma nħarġux bħala biljetti globali mill-impriża ferrovjarja jew mill-impriżi ferrovjarji li jipprovdu s-servizz. Inkella, il-bejjiegħ tal-biljetti jew l-operatur tal-vjaġġi għandu jkun responsabbli biex jirrimborża l-ammont totali mħallas f'dik it-tranżazzjoni għall-biljett jew għall-biljetti u, barra minn hekk, li jħallas kumpens ekwivalenti għal 75 % ta' dak l-ammont f'każ li l-passiġġier jitlef konnessjoni waħda jew aktar([96]).

Is-sejbiet tal-istudju ta' sostenn jidhru li jissuġġerixxu li, f'konformità mal-konklużjonijiet li saru fit-Taqsima 2.5.3 aktar 'il fuq, meta tingħata informazzjoni dwar in-natura kuntrattwali separata tal-biljetti lill-passiġġieri, dan isir b'diversi modi jew qabel ix-xiri (eż. fuq sit web jew matul il-proċess ta' prenotazzjoni online) jew wara x-xiri permezz ta' messaġġ fuq il-biljett. F'xi Stati Membri, ma setgħet tinstab l-ebda evidenza li din l-informazzjoni ngħatat, u dan jista' jiġi spjegat f'xi każijiet mill-fatt li s-servizzi ferrovjarji domestiċi kollha f'dak l-Istat Membru jitqiesu bħala biljetti globali.

Biex iżid ma' din il-kumplessità, ir-Regolament jipprevedi reġim ta' eżenzjonijiet li taħtu l-Istati Membri jistgħu, soġġett għal kundizzjonijiet speċifiċi, jeżentaw ċerti servizzi ferrovjarji([97]) mill-obbligi fl-Artikoli 18 sa 20 tar-Regolament (jiġifieri r-rimborż jew ir-ridirezzjonar, il-kumpens, u l-assistenza). Dawn l-eżenzjonijiet japplikaw kemm jekk il-passiġġier ikollu biljett globali kif ukoll jekk le. Minħabba dan, jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn l-impriżi ferrovjarji jkunu meħtieġa joffru biljetti globali għal tip ta' servizz partikolari skont l-Artikolu 12(1), filwaqt li l-istess tip ta' servizz ikun, sa ċertu

([91]) L-Artikolu 18 *(Rimborż u ridirezzjonar tar-rotta)* tar-Regolament.
([92]) L-Artikolu 19 *(Kumpens)* tar-Regolament.
([93]) L-Artikolu 20 *(Assistenza)* tar-Regolament.
([94]) L-istudju ta' sostenn sab ukoll li xi passiġġieri la jitolbu rimborż u lanqas ridirezzjonar iżda sempliċiment jabbandunaw il-vjaġġ tagħhom mingħajr ma jitolbu rimborż minkejja li jkollhom dritt. Pereżempju, il-Ġermanja stmat li: bejn 60 u 70 % tal-passiġġieri jagħżlu r-ridirezzjonar tar-rotta, bejn 10 u 15 % jagħżlu r-rimborż, bejn 20 u 30 % kumpens u madwar 5 % jitolbu l-assistenza.
([95]) Ara l-Artikolu 12 *(Biljetti globali)* il-paragrafu 4 u l-premessa 24 tar-Regolament.
([96]) Ara l-Artikolu 12 *(Biljetti globali)* il-paragrafu 4 u 5, kif ukoll il-premessa 25 tar-Regolament.
([97]) Ara l-Artikolu 2 *(Kamp ta' applikazzjoni)* tar-Regolament, u t-Taqsima 2.1 aktar 'il fuq.

punt, eżentat mir-regoli korrispondenti dwar ir-responsabbiltà għall-konnessjonijiet mitlufa skont l-Artikoli 18 sa 20([98]).

Xi impriżi ferrovjarji daħlu fi ftehimiet settorjali multilaterali biex jassistu lill-passiġġieri jekk jitilfu konnessjoni bejn is-servizzi ferrovjarji ta' impriżi differenti li ma jkunux koperti minn biljett globali (eż. l-Agreement on Journey Continuation (AJC)[99]), il-Hop On the Next Available Train (HOTNAT)([100])). L-istruttura legali ġenerali dwar ir-responsabbiltà u l-għoti ta' informazzjoni lill-passiġġieri tidher li tikkontribwixxi għal sitwazzjoni fejn il-passiġġieri jkollhom diffikultajiet biex ikunu jafu d-drittijiet tagħhom f'każ li jitilfu konnessjoni matul il-vjaġġ tagħhom bil-ferrovija([101]).

Rapport ta' NEB wieħed([102]) jirreferi għal żewġ ilmenti relatati mar-responsabbiltà għall-kontinwazzjoni tal-vjaġġi u jekk tapplikax ir-responsabbiltà għal biljetti globali. F'każ wieħed, tqies hekk, filwaqt li fil-każ l-ieħor, dan ma seħħx.

2.6. Id-dritt ta' ridirezzjonar awtonomu tar-rotta (l-Artikolu 18(3))

L-Artikolu 18(3) tar-Regolament jintroduċi dritt għall-passiġġieri għar-"ridirezzjonar awtonomu tar-rotta", li jfisser li l-passiġġieri mhux biss jistgħu jieħdu l-inizjattiva biex isibu pjan ta' vjaġġar alternattiv meta l-impriża ferrovjarja ma toffrix (immedjatament) alternattiva vijabbli. Ifisser ukoll, aktar importanti minn hekk, li l-passiġġieri jistgħu jiġu rimborżati mill-impriża ferrovjarja għall-kostijiet biex jippjanaw il-vjaġġ tagħhom huma stess. Fin-nuqqas ta' dritt bħal dan, il-passiġġieri li jsibu rotta alternattiva huma stess ikunu intitolati l-aktar għar-rimborż tal-prezz tal-biljett u jiltaqgħu ma' diffikultajiet biex jirkupraw l-kostijiet tal-arranġamenti tal-aħħar minuta bir-rati applikabbli tal-jum (li jistgħu jkunu ferm ogħla mill-prezz tal-biljett oriġinali meta jkun ġie pprenotat).

Din id-dispożizzjoni tar-Regolament fiha approċċ f'żewġ stadji għall-passiġġieri.

L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 18(3) tar-Regolament jiddikjara li l-impriża ferrovjarja tista' tippermetti lill-passiġġier, fuq talba tiegħu, li jikkonkludi kuntratti ma' fornituri oħra ta' servizzi tat-trasport li jippermettu lill-passiġġier jilħaq id-destinazzjoni finali taħt kondizzjonijiet komparabbli, f'liema każ l-impriża ferrovjarja għandha tirrimborża lura lill-passiġġier għall-kostijiet imġarrba minnu. Dan jippresupponi li l-impriża ferrovjarja taqbel mat-talba tal-passiġġier.

It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(3) tar-Regolament introduċa dritt ġdid sabiex jekk passiġġier ma jkunx ġie offrut soluzzjoni f'waqtha minn impriża ferrovjarja fi żmien 100 minuta f'każ ta' interruzzjoni fil-vjaġġ tiegħu, il-passiġġier jista' jorganizza trasport pubbliku alternattiv bil-ferrovija, bil-coach jew bix-xarabank u jiġi rrimborżat mill-impriża

([98]) Għal analiżi aktar dettaljata tal-eżenzjonijiet tal-Istati Membri applikabbli għall-biljetti globali, ara l-istudju ta' sostenn għar-Rapport dwar l-implimentazzjoni u r-riżultati tar-Regolament (UE) 2021/782 dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji, it-Taqsima 2.6.4.3 tar-rapport finali, dwar ir-regoli tar-responsabbiltà fil-kuntest ta' biljetti globali.

([99]) Ara l-aktar fuljett ta' tagħrif reċenti dwar l-AJC fuq is-sit web tal-Kumitat Internazzjonali għat-Trasport bil-Ferrovija, ippubblikat f'Diċembru 2025: https://www.cit-rail.org/media/files/civ-products-april-2025/ajc_leaflet_2025-12-14_en.pdf?cid=437997 (Nota: il-ftehim sħiħ ma huwiex pubbliku).

([100]) Ara s-sit web ta' Railteam: https://www.railteam.eu/en/services-on-your-journey/hop-on-the-next-available-train-hotnat/. Il-HOTNAT jinvolvi biss għadd limitat ta' operaturi ta' ferroviji b'veloċità għolja li jappartjenu għal Railteam (Deutsche Bahn, Eurostar, ÖBB, SNCF, SBB, SNCB/NMBS u NS). Dan ikopri biss in-network ta' veloċità għolja tagħhom.

([101]) Reviżjoni mmirata tar-Regolament (UE) 2021/782 dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri ferrovjarji Sejħa għal Evidenza.

([102]) DK.

għall-kostijiet "meħtieġa, xierqa u raġonevoli" tal-biljett addizzjonali. Wara li jkunu għaddew 100 minuta, il-passiġġier ma jibqax jeħtieġ il-kunsens tat-trasportatur biex jorganizza trasport alternattiv.

F'seba' Stati Membri, is-**servizzi ferrovjarji reġjonali** bħalissa huma eżentati b'mod espliċitu mill-applikazzjoni tal-Artikolu 18(3)([103]). Din l-eżenzjoni suppost tiskadi fis-7 ta' Ġunju 2028([104]). F'għaxar Stati Membri([105]) l-Artikolu 18(3) ma japplikax għas-**servizzi urbani u suburbani**. F'sitt Stati Membri([106]), **is-servizzi ferrovjarji internazzjonali** lejn pajjiżi terzi huma eżentati mill-applikazzjoni tal-Artikolu 18.

L-istudju ta' sostenn juri stampa frammentata tal-applikazzjoni tal-Artikolu 18(3), l-ewwel subparagrafu fil-prattika (jiġifieri fejn ikun meħtieġ il-kunsens tal-impriża ferrovjarja għat-talba tal-passiġġier għal ridirezzjonar awtonomu tar-rotta). Għalkemm il-maġġoranza tal-impriżi ferrovjarji eżaminati fl-istudju jidhru li jippermettu lill-passiġġieri jorganizzaw il-vjaġġ alternattiv tagħhom huma stess f'każ ta' interruzzjoni, l-eżerċizzju ta' dan id-dritt u r-rimborż korrispondenti tal-kostijiet jistgħu jkunu soġġetti għal ċerti kundizzjonijiet minn xi wħud minn dawn l-impriżi. Dawn jinkludu l-aħħar ferrovija tal-ġurnata li tkun qed taħdem, dewmien fit-tul jew nuqqas ta' informazzjoni, l-inkapaċità tal-ferrovija li toffri għażla xierqa, jew id-dritt għal rimborż jista' jkun limitat għal ċerti mezzi ta' trasport (ferrovija jew xarabank/coach) jew għal alternattivi bi prezz baxx. F'żewġ Stati Membri, huwa rrapportat ukoll li l-impriżi ferrovjarji jidhru li jiddependu fuq il-kapaċità tagħhom stess biex jorganizzaw alternattivi, u ġeneralment ma jirrimborżawx it-trasport organizzat b'mod awtonomu([107]). Fi ftit Stati Membri, ġew irrapportati fehmiet differenti dwar l-applikazzjoni ta' dan id-dritt il-ġdid bejn l-impriżi ferrovjarji, minn naħa waħda, u l-organizzazzjonijiet tal-passiġġieri jew l-NEBs min-naħa l-oħra([108]).

Fir-rigward tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(3) tar-Regolament (jiġifieri meta l-kunsens tal-impriża ferrovjarja ma jibqax meħtieġ wara 100 minuta), il-maġġoranza tal-impriżi ferrovjarji jsostnu li huma jirrimborżaw lill-passiġġieri li jeżerċitaw id-dritt li jagħmlu ridirezzjonar tar-rotta huma nfushom. Madankollu, is-sejbiet tal-istudju ta' sostenn waħedhom ma jurux jekk dan id-dritt huwiex fil-fatt irrispettat b'mod konsistenti fil-prattika.

Dawn is-sejbiet jikkonfermaw l-osservazzjonijiet tan-Network taċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi (ECC-Net) li jindikaw l-isfidi relatati mal-applikazzjoni tal-Artikolu 18(3) tar-Regolament. Pereżempju, il-passiġġieri spiss ma jkunux jafu bil-limitu ta' żmien ta' 100 minuta u identifikawh bħala mhux prattiku f'xenarji tal-aħħar ferrovija, fl-interruzzjonijiet tal-ferroviji ta' billejl, u fi vjaġġi transfruntieri kumplessi. L-ECC-Net irrimarka wkoll in-nuqqas ta' vjaġġar bl-ajru bħala mezz alternattiv validu ta' trasport għal offerti ta' ridirezzjonar tar-rotot skont l-Artikolu 18(3) tar-Regolament([109]).

([103]) BG, LU, PL, PT, RO, SK, SE (għas-servizzi ferrovjarji domestiċi li jkopru inqas minn 150 km). Eżenzjoni mill-Artikolu 18(3) tar-Regolament hija permessa biss sas-7 ta' Ġunju 2028, f'konformità mal-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 2(8) tar-Regolament.

([104]) Ara l-Artikolu 2 *(Kamp ta' applikazzjoni)*, il-paragrafu 8, l-aħħar subparagrafu tar-Regolament.

([105]) BG, FR, HU, LU, PL, PT, RO, SK, SE għas-servizzi ferrovjarji domestiċi li jkopru inqas minn 150 km u AT għas-servizzi urbani.

([106]) BG, CZ, FI, LV, PL, RO.

([107]) FI, RO.

([108]) BG, NL, SI.

([109]) Strengthening Rail Passenger Rights in the EU | European Consumer Centers Network.

NEB([110]) wieħed osserva fir-rapport biennali tiegħu li kien hemm ħtieġa akbar ta' spjegazzjonijiet għall-infurzar, speċjalment għall-Artikolu 18. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 18 jipprovdu biss possibbiltajiet limitati għall-passiġġier biex jorganizza huwa stess il-vjaġġ tiegħu. NEB ieħor([111]) innota waqt avveniment wieħed fejn kien hemm diversi kanċellazzjonijiet ta' vjaġġi bil-ferrovija fuq distanzi twal minħabba strajk jew ħsara fil-binarji, li l-passiġġieri ma tħallewx jagħżlu ridirezzjonar tar-rotta mingħajr ħlas minflok il-vjaġġ ikkanċellat. Wara l-intervent mill-NEB, l-impriża ferrovjarja ħadet miżuri biex tikkonforma mar-regoli.

Minħabba dan ta' hawn fuq, id-dritt tar-ridirezzjonar awtonomu tar-rotta introdott mir-Regolament ma jidhirx li huwa applikat b'mod konsistenti madwar l-UE. Jidher li r-regoli jwasslu għal varjetà ta' prattiki differenti ta' rimborż — jekk jiġu applikati — li jsaħħu n-nuqqas perċepit ta' ċarezza għall-passiġġieri fir-rigward ta' dan id-dritt.

2.7. Kumpens – Force majeure (l-Artikolu 19(10))

L-Artikolu 19(1) tar-Regolament jistabbilixxi l-prinċipju li passiġġier huwa intitolat għal kumpens mingħand l-impriża ferrovjarja jekk jiffaċċja dewmien bejn il-post ta' tluq u d-destinazzjoni finali mogħtija fuq il-biljett jew il-biljett globali li l-kost tiegħu ma jkunx ġie rrimborżat f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament. Ir-Regolament jistabbilixxi wkoll il-kumpens minimu għad-dewmien, li huwa stabbilit bħala perċentwal tal-prezz tal-biljett([112]). L-Artikolu 19(10) tar-Regolament jipprojbixxi lill-impriżi ferrovjarji milli jħallsu kumpens għal dewmien fi tliet xenarji: (1) jekk iġibu prova li d-dewmien, il-konnessjoni mitlufa, jew il-kanċellazzjoni kienet ikkawżata direttament minn ċirkostanzi straordinarji mhux relatati mal-operazzjonijiet ferrovjarji. Dawn iċ-ċirkostanzi straordinarji jistgħu jinkludu temp estrem, diżastri naturali kbar, jew kriżijiet kbar tas-saħħa pubblika bħall-pandemiji, minkejja li jittieħdu l-miżuri raġonevoli kollha biex jiġu evitati jew immitigati; (2) jekk ikun it-tort tal-passiġġieri; jew (3) atti speċifiċi ta' partijiet terzi (eż. sabotaġġ, serq tal-kejbils), li ma jinkludux strajks mill-persunal ta' impriża ferrovjarja, jew atti jew ommissjonijiet minn impriżi ferrovjarji oħrajn, amministraturi tal-infrastruttura, jew amministraturi tal-istazzjonijiet. Dawn id-dispożizzjonijiet huma differenti mill-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1371/2007, li kien jimponi responsabbiltà stretta mingħajr eżenzjonijiet bħal dawn (kif ikkonfermat mill-ġurisprudenza tal-Qorti([113]). Huwa importanti wkoll li wieħed jinnota li din il-klawżola ta' force majeure tapplika biss għall-kumpens u ma taffettwax l-applikazzjoni ta' drittijiet oħra tal-passiġġieri, bħar-ridirezzjonar tar-rotta u l-assistenza.

L-ebda Stat Membru ma eżenta speċifikament l-Artikolu 19(10) tar-Regolament. Madankollu, xi Stati Membri eżentaw l-Artikolu 19 għalkollox għas-servizzi ferrovjarji fuq distanzi twal([114]); għas-servizzi ferrovjarji reġjonali([115]); għas-servizzi ferrovjarji

([110]) DE.
([111]) FI, ara https://www.kkv.fi/paatokset/kuluttaja-asiat/kuluttaja-asiamiehen-ratkaisut/rautatieyrityksen-uudelleenreitityskaytannot-kaukojunamatkojen-peruuntuessa-lakon-tai-ratavian-takia/.
([112]) B'mod partikolari, il-kumpens minimu huwa ta' 25 % tal-prezz tal-biljett għal dewmien ta' bejn 60 u 119-il minuta u ta' 50 % tal-prezz tal-biljett għal dewmien ta' 120 minuta jew aktar.
([113]) Is-sentenza tas-26 ta' Settembru 2013, *ÖBB Personenverkehr*, C-509/11, EU:C:2013:613.
([114]) BG, HU, PT, RO, SK.
([115]) AT, BG, FI, HU, LU, PL, PT, RO, SE, SK.

urbani u suburbani([116]); għas-servizzi ferrovjarji offruti strettament għal użu storiku jew turistiku([117]); u għas-servizzi internazzjonali lejn pajjiżi terzi([118]).

L-istudju ta' sostenn juri li l-użu ta' din l-eżenzjoni jvarja bejn l-Istati Membri. Dan sab li fi 13-il Stat Membru([119]) l-impriżi ferrovjarji analizzati fl-istudju allegatament ma japplikawx l-eżenzjoni fil-prattika u jħallsu kumpens anke meta d-dewmien, il-kanċellazzjonijiet jew il-konnessjonijiet mitlufa jistgħu jkunu marbuta ma' ċirkostanzi straordinarji. F'għaxar Stati Membri([120]), l-impriżi ferrovjarji eżaminati fl-istudju rrapportaw li invokaw l-eżenzjoni, u ma jħallsux kumpens meta d-dewmien, il-kanċellazzjonijiet jew il-konnessjonijiet mitlufa jkunu kkawżati minn avvenimenti li huma evidentement ma jistgħux jikkontrollaw (bħal temp sever, aċċidenti jew theddid għas-sigurtà).

L-istudju sab ukoll li f'19-il Stat Membru, il-passiġġieri jidhru li jirċievu kumpens mill-impriżi eżaminati meta d-dewmien, il-kanċellazzjonijiet u l-konnessjonijiet mitlufa jiġu kkawżati minn strajks mill-persunal tal-impriża ferrovjarja, azzjonijiet minn impriżi oħra li jużaw l-istess infrastruttura, jew mill-amministraturi tal-infrastruttura u tal-istazzjonijiet([121]). Fil-Greċja, huma biss id-detenturi ta' kards ta' aktar minn vjaġġ wieħed li jissemmew b'mod espliċitu bħala eliġibbli għal kumpens f'sitwazzjonijiet ta' strajk. L-istudju sab ukoll li l-impriżi ferrovjarji eżaminati f'erba' Stati Membri([122]) jidhru li jeskludu għalkollox tali dewmien, kanċellazzjonijiet u konnessjonijiet mitlufa mill-kumpens. L-impriża ferrovjarja eżaminata fir-Rumanija toffri kumpens biss f'każ ta' strajks, iżda mhux għal azzjonijiet oħra minn partijiet terzi fuq in-network.

B'mod ġenerali, l-evidenza disponibbli miġbura fil-kuntest tal-istudju ta' sostenn turi li l-klawżola ta' "force majeure" fl-Artikolu 19(10) tar-Regolament ma hijiex applikata b'mod konsistenti madwar l-UE. B'mod partikolari, jidher li l-impriżi ferrovjarji ewlenin f'madwar nofs l-Istati Membri jirrinunzjaw għar-raġunijiet għall-eżenzjoni għall-ħlas ta' kumpens introdotti mir-reviżjoni tar-Regolament fl-2021 u xorta jħallsu kumpens għall-avvenimenti msemmija fl-Artikolu 19(10) tar-Regolament. Barra minn hekk, jidher li f'għadd limitat ta' każijiet, id-dritt ta' passiġġier li jkompli jirċievi kumpens fil-każ ta' dewmien, kanċellazzjonijiet u konnessjonijiet mitlufa kkawżati minn strajks mill-persunal tal-impriża ferrovjarja, azzjonijiet minn impriżi oħra li jużaw l-istess infrastruttura, jew mill-amministraturi tal-infrastruttura u tal-istazzjonijiet, ma jiġix applikat fil-prattika.

NEB wieħed([123]) iddikjara fir-rapport li r-raġunijiet għall-esklużjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(10) tar-Regolament wasslu biex il-passiġġieri ressqu lment aktar ta' spiss wara li t-talba tagħhom għal kumpens ġiet miċħuda.

2.8. Formola komuni għat-talbiet għal rimborż u għal kumpens (l-Artikoli 18(7) u 19(6))

F'konformità mal-Artikoli 18(7) u 19(6) tar-Regolament, il-passiġġieri għandhom id-dritt li jressqu t-talbiet tagħhom għal rimborż u kumpens lill-impriżi ferrovjarji billi jużaw formola komuni. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ta'

([116]) AT, BG, FI, FR, HU, LU, PL, PT, RO, SE, SK.
([117]) BG, CZ, DE, FI, FR, HU, IT, LT, LV, NL, PL, PT, RO, SE, SK.
([118]) BG, CZ, FI, LV, RO.
([119]) AT, BE, CZ, DK, EL, ES, FI, HR, IT, LU, NL, SE, SK.
([120]) BG, DE, EE, FR, HU, LT, PL, PT, RO, SI.
([121]) AT, BE, DE, DK, EE, ES, FI, FR, HU, IE, IT, LT, LU, LV, NL, PT, SE, SI, SK.
([122]) BG, CZ, HR, PL.
([123]) DE.

Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/949([124]). Abbażi tal-Anness ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, il-Kummissjoni żviluppat formola komuni fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE u li hija adattata għall-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabbiltà fil-vista. Din il-formola hija disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni([125]). Il-formola komuni tista' tiġi ppreżentata bħala dokument fiżiku jew b'mezzi elettroniċi([126]). Il-formola hija mfassla b'tali mod li l-passiġġieri jistgħu jispeċifikaw x'tip ta' talba qed jagħmlu u jipprovdu d-dettalji meħtieġa lill-impriżi ferrovjarji.

F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota għadd ta' karatteristiċi speċifiċi relatati mal-kamp ta' applikazzjoni tas-setgħa li tinsab fl-Artikoli 18 u 19 tar-Regolament (UE) 2021/782 biex tadotta regoli ta' implimentazzjoni dwar din il-kwistjoni.

L-ewwel nett, il-formola komuni tista' tintuża biss fir-rigward tal-impriżi ferrovjarji u mhux tal-bejjiegħa tal-biljetti u tal-operaturi tal-vjaġġi, li jistgħu jkunu wkoll responsabbli biex jirrimborżaw u jikkumpensaw lill-passiġġieri skont il-kundizzjonijiet speċifiċi ħafna deskritti fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2021/782. Dan għaliex dik id-dispożizzjoni ma fihiex setgħa għall-Kummissjoni biex tadotta regoli ta' implimentazzjoni dwar il-kwistjoni skont dak ir-Regolament.

It-tieni, l-impriżi ferrovjarji jaf ikollhom formola online tagħhom stess jew sistema simili fis-seħħ fuq is-sit web tagħhom jew permezz ta' applikazzjoni għall-apparati mobbli biex jipproċessaw it-talbiet għal rimborż jew kumpens. Dawn il-formoli jew is-sistemi integrati jenħtieġ li jippermettu trattament aktar effiċjenti u f'waqtu tat-talbiet. Fl-istess ħin, is-setgħa li tinsab fl-Artikoli 18 u 19 tar-Regolament li jiġu adottati r-regoli ta' implimentazzjoni tippermetti biss il-ħolqien ta' formola separata mill-Kummissjoni([127]) u ma tipprovdix bażi għar-regolamentazzjoni tal-kontenut u l-preżentazzjoni tal-formoli prodotti mill-impriżi ferrovjarji.

NEB wieħed([128]) semma l-formola komuni taħt l-attivitajiet ta' infurzar fir-rapport tiegħu.

2.9. Interruzzjonijiet maġġuri u ppjanar ta' kontinġenza (l-Artikolu 20(6))

Skont l-Artikolu 20(6) tar-Regolament, meta jiġu stabbiliti pjanijiet ta' kontinġenza skont l-Artikolu 13a(3) tad-Direttiva 2012/34/UE([129]), l-impriżi ferrovjarji għandhom jikkoordinaw mal-amministraturi tal-istazzjonijiet u mal-amministraturi tal-infrastruttura sabiex ikunu ppreparati għal interruzzjoni maġġuri u għal dewmien twil li jwassal biex numru konsiderevoli ta' passiġġieri jitħallew l-art fl-istazzjon. Tali pjanijiet ta' kontinġenza għandhom jinkludu rekwiżiti għall-aċċessibbiltà tas-sistemi ta' twissija u ta' informazzjoni.

([124]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/949 tas-27 ta' Marzu 2024 li jistabbilixxi formola komuni għat-talbiet tal-passiġġieri tal-ferroviji għal rimborż u kumpens f'każ ta' dewmien, konnessjonijiet mitlufa u kanċellazzjonijiet ta' servizzi ferrovjarji f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/782 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L, 2024/949, 2.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/949/oj

([125]) https://transport.ec.europa.eu/reimbursement-and-compensation-requests-form_en?prefLang=mt.

([126]) L-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/949.

([127]) Fil-perjodu ta' bejn l-1 ta' Lulju 2024 u t-30 ta' Marzu 2026, dawn ir-rapporti tniżżlu 1,718-il darba fuq is-sit web tal-Kummissjoni, bil-biċċa l-kbira tat-tniżżil isir matul l-aħħar 12-il xahar ta' dan il-perjodu.

([128]) EL.

([129]) Skont dik id-dispożizzjoni, l-Istati Membri għandhom jeżiġu li impriżi ferrovjarji li joperaw servizzi għall-passiġġieri jkollhom pjanijiet ta' kontinġenza u għandhom jiżguraw li dawn il-pjanijiet ta' kontinġenza jiġu kkoordinati kif suppost biex tingħata assistenza lill-passiġġieri, skont it-tifsira tal-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1371/2007, fil-każ ta' interruzzjoni maġġuri fis-servizzi.

F’termini ta’ eżenzjonijiet, filwaqt li s-servizzi ferrovjarji fuq distanzi twal ma jistgħux jiġu eżentati mill-obbligu skont l-Artikolu 20(6) tar-Regolament, is-servizzi ferrovjarji reġjonali ġew eżentati fi tmien Stati Membri([130]); is-servizzi ferrovjarji urbani u suburbani ġew eżentati f’għaxar Stati Membri([131]); is-servizzi storiċi jew turistiċi ġew eżentati fi 15-il Stat Membru([132]); u s-servizzi internazzjonali lejn pajjiżi terzi ġew eżentati f’seba’ Stati Membri([133]).

L-evidenza disponibbli miġbura għall-istudju ta’ sostenn tindika li l-impriżi ferrovjarji fi 18-il Stat Membru([134]) jidhru li jikkoordinaw mal-amministraturi tal-istazzjonijiet u tal-infrastruttura dwar il-pjanijiet ta’ kontinġenza għal interruzzjonijiet maġġuri, u jqisu wkoll formalment l-aċċessibbiltà tal-persuni b’diżabbiltà u tal-persuni b’mobbiltà mnaqqsa fis-sistemi ta’ twissija u informazzjoni. F’erba’ Stati Membri, l-impriżi ferrovjarji jidhru li jikkoordinaw mal-amministraturi tal-istazzjonijiet u tal-infrastruttura, iżda jew ma għandhomx pjanijiet formali ta’ kontinġenza jew ma jqisux il-kwistjoni tal-aċċessibbiltà fihom([135]). F’erba’ Stati Membri oħra([136]) ma hemm l-ebda pjan ta’ kontinġenza fis-seħħ, jew ma nkisbet l-ebda informazzjoni ċara dwar is-suġġett.

Tali pjanijiet ta’ kontinġenza huma essenzjali biex jiġu żgurati reazzjonijiet rapidi, koordinati u ffokati fuq il-passiġġieri f’każ ta’ interruzzjonijiet, inklużi informazzjoni f’waqtha, assistenza, u, fejn meħtieġ, arranġamenti alternattivi tat-trasport. Il-mistoqsija tqajmet ukoll fil-laqgħa ta’ Diċembru 2025 tal-Grupp ta’ Esperti dwar id-Drittijiet tal-passiġġieri (sottogrupp għall-NEBs għad-drittijiet tal-passiġġieri tal-ferrovija), li fiha l-NEBs issuġġerew il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki dwar kif il-pjanijiet ta’ kontinġenza jiġu żviluppati fl-Istat Membru rispettiv tagħhom([137]). Il-kondiviżjoni tal-aħjar prattika hija importanti għat-tisħiħ tal-kwalità u tal-konsistenza tal-ippjanar ta’ kontinġenza madwar l-Istati Membri, u għat-tisħiħ tar-reżiljenza ġenerali tas-sistema ferrovjarja. L-ippjanar ta’ kontinġenza huwa proċess kontinwu aktar milli eżerċizzju ta’ darba, u diversi aċċidenti reċenti fis-settur ferrovjarju enfasizzaw l-importanza li jkun hemm pjanijiet ta’ kontinġenza robusti u ttestjati fis-seħħ, kemm biex jiġu protetti l-passiġġieri kif ukoll biex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizzi meta jseħħu interruzzjonijiet serji.

L-ippjanar ta’ kontinġenza jissemma minn diversi NEBs fir-rapporti tagħhom, fejn jirreferu għad-dmirijiet ta’ monitoraġġ għall-pjanijiet ta’ kontinġenza([138]) kif ukoll għall-attivitajiet ta’ infurzar ippjanati għall-perjodu ta’ rapportar li ġej([139]). NEB([140]) wieħed ipprovda informazzjoni dwar l-attività tiegħu biex iqabbel u jeżamina r-relazzjoni bejn ir-Regolament u leġiżlazzjoni oħra tal-UE u nazzjonali li tistabbilixxi rekwiżiti għall-pjanijiet ta’ kontinġenza.

([130]) BG, HU, LU, PL, PT, RO, SE, SK.
([131]) AT, BG, FR, HU, LU, PL, PT, RO, SE, SK.
([132]) BG, CZ, DE, FI, FR, HU, IT, LT, LV, NL, PL, PT, RO, SE, SK.
([133]) BG, CZ, FI, HU, LV, PL, RO.
([134]) AT, BE, BG, CZ, DE, DK, ES, FR, HU, LI, LT, LU, LV, NL, PL, PT, SI, SK.
([135]) EE, HR, IT, SE.
([136]) EL, FI, IE, RO.
([137]) Ara r-Reġistru ta’ gruppi ta’ esperti tal-Kummissjoni u ta’ entitajiet simili oħrajn, il-Grupp ta’ Esperti dwar id-Drittijiet tal-Passiġġieri (E02861/5).
([138]) DE, EL.
([139]) CZ.
([140]) FI.

2.10. Persuni b'diżabbiltà jew b'mobbiltà mnaqqsa (Kapitolu V)

Wieħed mill-prinċipji ċentrali tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar id-drittijiet tal-passiġġieri, inklużi d-drittijiet tal-passiġġieri tal-ferrovija, huwa li l-persuni b'diżabbiltà u l-persuni b'mobbiltà mnaqqsa jingħataw l-istess opportunitajiet ta' vjaġġar bħal dawk ta' persuni oħra billi jiġu stabbiliti regoli għan-nondiskriminazzjoni u dwar l-assistenza matul il-vjaġġ tagħhom([141]). Diversi dispożizzjonijiet ġodda fir-Regolament itejbu d-dispożizzjonijiet preeżistenti dwar l-assistenza għal persuni b'diżabbiltà u għal persuni b'mobbiltà mnaqqsa li jivvjaġġaw bil-ferrovija skont ir-Regolament (KE) Nru 1371/2007. Tali assistenza — ipprovduta minn impriżi ferrovjarji u amministraturi tal-istazzjonijiet — hija indispensabbli, peress li ħafna stazzjonijiet u ferroviji madwar l-UE għadhom inaċċessibbli għal dan il-grupp. Sakemm tinkiseb aċċessibbiltà sħiħa fin-networks ferrovjarji Ewropej, dawn il-passiġġieri se jkomplu jiddependu fuq assistenza ddedikata sabiex jivvjaġġaw.

Sabiex jiġi żgurat li tiġi pprovduta assistenza xierqa, l-impriżi ferrovjarji u l-amministraturi tal-istazzjonijiet spiss ikollhom bżonn iż-żmien biex jużaw persunal imħarreġ u tagħmir xieraq. Għalhekk, huma jistgħu jirrikjedu li l-persuni b'diżabbiltà u l-persuni b'mobbiltà mnaqqsa jinnotifikaw minn qabel il-ħtiġijiet ta' assistenza tagħhom. Impriża ferrovjarja jew amministratur tal-istazzjon huwa responsabbli biss biex jiggarantixxi li persuna b'diżabbiltà jew persuna b'mobbiltà mnaqqsa tkun tista' titla' fuq il-ferrovija, tittrasferixxi għal servizz ferrovjarju ta' konnessjoni li għalih ikollha biljett, jew tinżel mill-ferrovija jekk din il-persuna tinnotifika minn qabel il-ħtiġijiet ta' assistenza tagħha fil-ħin. Waħda mill-kisbiet ewlenin tar-reviżjoni tar-Regolament fl-2021 kienet li **l-ħin tal-prenotifika jitnaqqas bin-nofs minn 48 siegħa għal 24 siegħa**([142]). Sabiex l-impriżi ferrovjarji u l-amministraturi tal-istazzjonijiet ikunu jistgħu jħejju għal din il-bidla, ir-Regolament jipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni: l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw perjodu itwal sa massimu ta' 36 siegħa għall-prenotifika sat-30 ta' Ġunju 2026. Għal dan il-għan, kellhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'din l-eżenzjoni filwaqt li jipprovdu wkoll informazzjoni dwar il-miżuri meħuda jew previsti biex il-perjodu ta' prenotifika jitnaqqas għal 24 siegħa([143]). Tmien Stati Membri([144]) nnotifikaw lill-Kummissjoni li kienu qed jużaw din l-eżenzjoni. Min-naħa l-oħra, l-istudju ta' sostenn sab li diversi impriżi ferrovjarji jirrikjedu ħinijiet ta' prenotifika li huma inqas minn 24 siegħa([145]). Madankollu,

([141]) Ara l-premessa 27 tar-Regolament. Ara wkoll il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill — Viżjoni Ewropea għall-passiġġieri: Komunikazzjoni dwar id-Drittijiet tal-Passiġġieri fil-mezzi kollha tat-trasport (KUMM(2011) 898 finali).

([142]) Ara l-Artikolu 24(a), l-ewwel subparagrafu tar-Regolament.

([143]) Ara l-Artikolu 24(a), l-aħħar subparagrafu tar-Regolament.

([144]) BG, CZ, HR, DE, HU, LV u r-RO għamlu użu sħiħ minn din l-eżenzjoni, filwaqt li d-DK użatha biss għal servizzi ferrovjarji transfruntiera lejn DE. Fil-każ tal-DE, l-eżenzjoni ġeneralment tirreferi għall-vjaġġi internazzjonali fejn seta' jkun ġie stabbilit perjodu ta' notifika differenti fost l-Istati Membri. Fil-prattika din l-eżenzjoni tiġi applikata f'każijiet individwali diffiċli.
Madankollu, l-impriżi ferrovjarji stabbiliti tal-BG u taċ-CZ jirrikjedu li l-persuni b'diżabbiltà u l-persuni b'mobbiltà mnaqqsa jinnotifikaw minn qabel il-ħtiġijiet ta' assistenza tagħhom saħansitra 48 siegħa jew aktar (fil-każ ta' ċerti ferroviji fBG), qabel il-vjaġġ tagħhom.
L-EE ma għamlitx użu minn din l-eżenzjoni, madankollu l-impriża ferrovjarja stabbilita tagħha xorta tirrikjedi li l-persuni b'diżabbiltà u l-persuni b'mobbiltà mnaqqsa jinnotifikaw il-ħtiġijiet ta' assistenza 36 siegħa qabel.

([145]) Pereżempju, il-kumpanija ferrovjarja stabbilita Belġjana tirrikjedi prenotifika ta' tliet sigħat għal servizzi li jitilqu mill-41 stazzjon ferrovjarju l-aktar importanti jew li jaslu fihom, il-kumpanija ferrovjarja stabbilita Awstrijaka tirrikjedi prenotifika ta' 12-il siegħa għas-servizzi domestiċi kollha, il-kumpanija ferrovjarja stabbilita fil-Lussemburgu tirrikjedi prenotifika ta' siegħa għas-servizzi domestiċi (iżda għas-servizzi ta' filgħaxija u ta' billejl tirrikjedi prenotifika mhux aktar tard mit-8.30 p.m. għat-tluq fl-istess ġurnata). Fin-Netherlands, il-kumpanija ferrovjarja stabbilita tirrikjedi siegħa għas-servizzi domestiċi, iżda mill-inqas 24 siegħa għas-servizzi internazzjonali u 36 siegħa għas-servizzi lejn il-

l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-persuni b'diżabbiltà li wieġbu għall-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u li saret fil-kuntest tal-istudju ta' sostenn indikaw li l-proċessi ta' prenotifika spiss huma kkumplikati u ineffettivi għal ħafna impriżi ferrovjarji.

Ir-Regolament introduċa wkoll ir-rekwiżit li **meta impriża ferrovjarja tirrikjedi li persuna b'diżabbiltà jew persuna b'mobbiltà mnaqqsa tkun akkumpanjata abbord ferrovija**, li huwa permess biss meta jkun strettament meħtieġ biex ikun hemm konformità mar-regoli ta' aċċess nondiskriminatorju tal-impriża ferrovjarja, bħal għal raġunijiet ta' sikurezza, **l-akkumpanjatur ikollu d-dritt jivvjaġġa mingħajr ħlas** u fejn fattibbli, li jkun bilqiegħda maġenb il-persuna li jkun qed jakkumpanja (l-Artikolu 23(1)(b) moqri flimkien mal-Artikolu 21(2) tar-Regolament). Il-persuni b'diżabbiltà u l-persuni b'mobbiltà mnaqqsa jistgħu jittrasportaw **il-klieb ta' assistenza** tagħhom mingħajr ħlas, f'konformità mal-liġi nazzjonali rilevanti (l-Artikolu 23(1)(c) tar-Regolament). Il-partijiet ikkonċernati li wieġbu għall-konsultazzjoni qablu b'mod ġenerali li dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet kienu ġew implimentati bis-sħiħ.

Ir-Regolament jipprevedi wkoll li fejn la jkun hemm uffiċċju tal-biljetti, la magna tal-biljetti aċċessibbli fl-istazzjon tat-tluq u l-ebda mezz ieħor aċċessibbli biex jinxtara biljett minn qabel, il-persuni b'diżabbiltà għandhom ikunu jistgħu **jixtru l-biljetti fuq il-ferrovija mingħajr ebda kost addizzjonali** (l-Artikolu 11(4), l-ewwel subparagrafu tar-Regolament). Għalkemm l-impriżi ferrovjarji jistgħu jillimitaw jew jiċħdu dan id-dritt għal raġunijiet ġustifikabbli relatati mas-sigurtà jew mar-riservazzjoni obbligatorja tal-ferrovija, il-maġġoranza tal-impriżi ferrovjarji eżaminati mill-istudju ta' sostenn implimentaw dan l-obbligu mingħajr ebda restrizzjoni([146]). Huwa biss fl-Istati Membri fejn l-istazzjonijiet ferrovjarji kollha huma mgħammra b'magni tal-biljetti aċċessibbli([147]), jew fejn l-impriża ferrovjarja toffri diversi alternattivi oħra (xiri ta' biljetti online, bit-telefown, jew mill-ħwienet ta' konvenjenza fl-istazzjonijiet ferrovjarji jew qribhom)([148]), li l-impriżi ferrovjarji ma jippermettu lil ħadd (lanqas lil persuni b'diżabbiltà) jixtri biljetti minn fuq il-ferrovija.

Ir-Regolament jirrikjedi li l-impriżi ferrovjarji u l-amministraturi tal-istazzjonijiet iħallsu **kumpens għal tagħmir tal-mobbiltà mitluf jew li tkun saritlu ħsara([149])** abbażi tal-kost tas-sostituzzjoni jew tat-tiswija tat-tagħmir (l-Artikolu 25(1) tar-Regolament), u jagħmlu malajr l-isforzi raġonevoli kollha biex jipprovdu minnufih it-tagħmir tal-mobbiltà ta' sostituzzjoni temporanja meħtieġ (l-Artikolu 25(2) tar-Regolament). Għalkemm l-impriżi ferrovjarji u l-amministraturi tal-istazzjonijiet kollha eżaminati mill-istudju ta' sostenn irrispettaw l-obbligu li jħallsu kumpens, il-biċċa l-kbira tal-impriżi ferrovjarji stabbiliti ammettew li ma jistgħux joffru tagħmir tal-mobbiltà ta' sostituzzjoni temporanja.

Ir-Regolament jirrikjedi li l-impriżi ferrovjarji u l-amministraturi tal-istazzjonijiet jipprovdu **taħriġ ta' sensibilizzazzjoni dwar id-diżabbiltà** lill-persunal kollu li jkollu kuntatt mal-klijenti. Dawk li regolarment jipprovdu assistenza diretta lill-passiġġieri b'diżabbiltà jew b'mobbiltà mnaqqsa jridu jingħataw ukoll taħriġ apposta, billi jiksbu l-ħiliet meħtieġa biex jissodisfaw il-ħtiġijiet speċifiċi ta' dawn il-passiġġieri (l-Artikolu

Ġermanja. Fi Spanja, il-prenotifika tal-ħtiġijiet ta' assistenza hija meħtieġa minn 30 minuta sa 12-il siegħa qabel it-tluq, skont it-tip ta' stazzjon.

([146]) AT, BE, BG, CZ, DE, DK, EE, EL, ES, FI, FR, HR, HU, IE, IT, LT, LU, LV, PL, PT, RO, SI, SK.

([147]) Il-kumpanija ferrovjarja stabbilita tan-NL.

([148]) SE.

([149]) Huma jridu jħallsu wkoll kumpens f'każ li l-klieb ta' assistenza użati minn persuni b'diżabbiltà u minn persuni b'mobbiltà mnaqqsa jintilfu jew ikorru (ara wkoll l-Artikolu 25, *(Kumpens fir-rigward tat-tagħmir tal-mobbiltà, apparat ta' assistenza u klieb ta' assistenza*) il-paragrafu 1 tar-Regolament).

26(1) tar-Regolament). Għalkemm l-impriżi ferrovjarji u l-amministraturi tal-istazzjonijiet eżaminati mill-istudju ta' sostenn implimentaw taħriġ bħal dan, l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-persuni b'diżabbiltà spiss iqajmu dubji dwar il-kwalità tat-taħriġ. Huma jinnutaw ukoll li r-Regolament ma jirrikjedix li l-impriżi ferrovjarji jew l-amministraturi tal-istazzjonijiet jinvolvuhom fit-tfassil jew fit-twettiq ta' dawn il-programmi ta' taħriġ. Għalkemm dan l-obbligu ma jeżistix, il-biċċa l-kbira tal-kumpaniji ferrovjarji diġà stabbiliti rrapportaw li kkooperaw ma' organizzazzjonijiet tad-diżabbiltà għal dan il-għan, jew li involvew lill-persunal b'diżabbiltà tagħhom stess f'taħriġ bħal dan.

Ir-Regolament jirrikjedi li l-impriżi ferrovjarji u l-amministraturi tal-istazzjonijiet **jagħmlu "sforzi raġonevoli" biex jippermettu lill-persuni b'diżabbiltà u lill-persuni b'mobbiltà mnaqqsa jaċċessaw it-trasport bil-ferrovija fl-istazzjonijiet ferrovjarji meta ma jkun hemm l-ebda persunal imħarreġ** biex jipprovdilhom assistenza u l-ferroviji li jkunu jridu jitilgħu fuqhom jew jinżlu minnhom ukoll ma jkunux akkumpanjati minn tali persunal (l-Artikolu 23(1)(g) tar-Regolament). Skont l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-persuni b'diżabbiltà, dan ma wassalx għal titjib sinifikanti fil-prattika. Dawn il-gruppi kkritikaw ukoll ir-Regolament talli ma jirrikjedix assistenza kontinwa fl-istazzjonijiet b'persunal imħarreġ biex jassisti lill-persuni b'diżabbiltà u lill-persuni b'mobbiltà mnaqqsa kull meta l-ferroviji jkunu qed jaħdmu. Minflok, l-għajnuna hija rikjesta biss meta l-persunal imħarreġ ikun xogħol. L-organizzazzjonijiet jargumentaw li dan jirrestrinġi ferm id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà u tal-persuni b'mobbiltà mnaqqsa li jivvjaġġaw bil-ferrovija b'mod ugwali u indipendenti bħal ħaddieħor u l-libertà tagħhom li jagħżlu kwalunkwe ferrovija([150]).

Għadd ta' korpi nazzjonali tal-infurzar irrimarkaw li **ċerti dispożizzjonijiet** dwar l-assistenza għall-persuni b'diżabbiltà u għall-persuni b'mobbiltà mnaqqsa **ma humiex ċari,** u għalhekk ifixkel l-infurzar effettiv tagħhom. L-ambigwitajiet indikati jinkludu d-definizzjoni ta' amministratur tal-istazzjon, il-kriterji biex jiġi ddeterminat meta stazzjon jew ferrovija tista' titqies li għandha l-persunal (l-Artikolu 23(1)(d) sa (g)([151]), u t-tifsira preċiża tad-dispożizzjoni li tiggarantixxi t-trasport liberu għal assistent personali li jakkumpanja persuna b'diżabbiltà (l-Artikolu 21(1)(a)).

Mill-adozzjoni tar-Regolament preċedenti dwar id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ferroviji, it-twettiq tal-obbligi ta' assistenza tal-impriżi ferrovjarji u tal-amministraturi tal-istazzjonijiet ġie msawwar b'mod sinifikanti mir-**regoli ta' aċċess nondiskriminatorju** tagħhom (l-Artikolu 23(2)), li jridu jiġu żviluppati bil-parteċipazzjoni attiva tar-rappreżentanti tal-persuni b'diżabbiltà (l-Artikolu 21(1)). Il-pubblikazzjoni ta' regoli dwar l-aċċess nondiskriminatorju bħal dawn tista' tiżgura li l-persuni b'diżabbiltà jkunu jistgħu jiffamiljarizzaw ruħhom faċilment mal-aċċess u jinfurzaw id-drittijiet tagħhom. L-istudju ta' sostenn innota, abbażi ta' riċerka bbażata biss fuq id-dokumentazzjoni mwettqa minn organizzazzjoni li tirrappreżenta persuni b'diżabbiltà, li għadd żgħir biss ta' impriżi ferrovjarji u amministraturi tal-istazzjonijiet għamlu r-regoli dwar l-aċċess nondiskriminatorju disponibbli għall-pubbliku fuq is-siti web tagħhom.

Impriża ferrovjarja, amministratur ta' stazzjon, bejjiegħ tal-biljetti jew operatur tal-vjaġġi jrid jipprovdi **informazzjoni** (inkluż f'formati aċċessibbli), fuq talba, dwar l-aċċessibbiltà tal-istazzjonijiet u tal-faċilitajiet assoċjati magħhom bħall-ispazji għall-parkeġġ u l-ħwienet, kif ukoll il-ferroviji. Barra minn hekk, fi stazzjonijiet mingħajr persunal trid

([150]) https://www.edf-feph.org/content/uploads/2021/06/EDF-analysis-of-the-adopted-Rail-Passengers-Righs-Regulation-2021.pdf.

([151]) Ara r-Reġistru ta' gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni u ta' entitajiet simili oħrajn, il-Grupp ta' Esperti dwar id-Drittijiet tal-Passiġġieri (E02861/5).

tintwera informazzjoni dwar l-aċċessibbiltà sabiex il-passiġġier ikun jaf kif jikseb l-assistenza u fejn ikun jista' jsib l-istazzjon aċċessibbli li jmiss (l-Artikolu 22 tar-Regolament). Ir-riċerka tal-istudju ta' sostenn ibbażata biss fuq id-dokumentazzjoni rigward il-paġni web u l-applikazzjonijiet ta' diversi impriżi ferrovjarji żvelat li dawn jipprovdu informazzjoni dwar l-aċċessibbiltà fi gradi differenti, għalkemm l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-persuni b'diżabbiltà kienu kritiċi ħafna matul il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 22. Ftit organizzazzjonijiet biss (l-aktar nazzjonali jew reġjonali) li jirrappreżentaw persuni b'diżabbiltà ħadu sehem fil-konsultazzjoni mmirata organizzata fil-kuntest tal-istudju, li ffokat primarjament fuq il-prattiki tal-impriżi ferrovjarji stabbiliti fl-Istat Membru tagħhom. Huma enfasizzaw diversi kwistjonijiet: kopertura mhux kompluta (eż. dettalji dwar l-aċċessibbiltà tal-istazzjonijiet iżda mhux tal-ferroviji), paġni ewlenin tal-ferroviji ma jkunux aċċessibbli għall-utenti b'vista batuta, diffikultà biex tinstab l-informazzjoni fuq il-paġna ewlenija tal-impriża ferrovjarja, u ħafna aktar kontenut fil-lingwa/i uffiċjali tal-Istat Membru milli f'lingwi oħra. Peress li l-parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet ta' persuni b'diżabbiltà fil-konsultazzjoni kienet limitata, ikun meħtieġ kontribut usa' biex tiġi evalwata bis-sħiħ l-effettività tal-implimentazzjoni tar-regoli tar-Regolament f'dan il-qasam.

Prinċipju ewlieni tal-inklużjoni tad-diżabbiltà huwa l-involviment ta' persuni b'diżabbiltà f'deċiżjonijiet li jaffettwawlhom ħajjithom u l-isfruttament tal-esperjenzi tagħhom. Għaldaqstant, l-istandards emendati tal-kwalità tas-servizz jirrikjedu li l-impriżi ferrovjarji jikkonsultaw lill-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-persuni b'diżabbiltà u lill-persuni b'mobbiltà mnaqqsa dwar kif tiġi pprovduta l-assistenza([152]). L-aħħar rapporti mill-impriżi ferrovjarji dwar l-implimentazzjoni tal-istandards tal-kwalità tas-servizz tagħhom juri li disa' impriżi ferrovjarji stabbiliti u entrant ġdid wieħed biss issodisfaw dan l-obbligu. Ħafna minnhom stabbilew pjattaformi permanenti għall-kooperazzjoni([153]), xi wħud jillimitaw il-kooperazzjoni biex jinvestigaw flimkien l-aċċessibbiltà tal-istazzjonijiet u tal-ferroviji([154]) jew jinvolvu lill-organizzazzjonijiet fit-taħriġ dwar l-assistenza għad-diżabbiltà offrut lill-persunal ferrovjarju([155]).

L-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li l-amministraturi tal-istazzjonijiet u l-impriżi ferrovjarji li joperaw fit-territorju tagħhom jikkooperaw biex jistabbilixxu u joperaw **Punti Uniċi ta' Kuntatt għal persuni b'diżabbiltajiet u persuni b'mobbiltà mnaqqsa**. Dawn il-Punti Uniċi ta' Kuntatt ikunu responsabbli biex jirċievu talbiet għall-assistenza, jibagħtuhom lill-amministraturi tal-istazzjonijiet u l-impriżi ferrovjarji rilevanti, u jipprovdu informazzjoni dwar l-aċċessibbiltà. Arranġament bħal dan jiżgura li l-passiġġieri b'diżabbiltà jew b'mobbiltà mnaqqsa ma jkunux meħtieġa jissottomettu diversi talbiet għal assistenza, anke meta l-vjaġġ tagħhom ikun jinvolvi aktar minn impriża ferrovjarja waħda (l-Artikolu 24(f) tar-Regolament). Sa issa Stat Membru wieħed biss([156]) innotifika lill-Kummissjoni l-leġiżlazzjoni nazzjonali li tirrikjedi li l-amministraturi tal-istazzjonijiet u l-impriżi ferrovjarji li joperaw fit-territorju tiegħu jistabbilixxu Punti Uniċi ta' Kuntatt([157]).

Fir-rapporti tal-attività tagħhom, kważi nofs l-NEBs([158]) jindikaw li wettqu attivitajiet ta' monitoraġġ jew infurzar (eż. spezzjoni ta' informazzjoni dwar l-aċċessibbiltà tal-

([152]) Ara l-aħħar punt tal-Anness III tar-Regolament.
([153]) Il-kumpaniji ferrovjarji stabbiliti tal- AT, BE, DE, DK, FR, LU, NL, SK .
([154]) Il-kumpanija ferrovjarja stabbilita tal-LV.
([155]) Kumpanija ferrovjarja li għadha kif daħlet fi ES, Ouigo Spain.
([156]) DE.
([157]) L-Artikolu 10(a) tal-Att Ġermaniż dwar il-Ferroviji — *Allgemeines Eisenbahngesetz.*
([158]) BE, BG, DE, DK, EL, FR, HR, HU, IT, PT, RO, SK.

istazzjonijiet, l-għoti ta' assistenza fl-istazzjon ferrovjarju, informazzjoni fuq is-siti web tal-impriżi ferrovjarji, taħriġ għall-assistenza għad-diżabbiltà), filwaqt li disa' NEBs([159]) irrapportaw li rċevew ilmenti dwar allegat ksur tad-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà u ta' persuni b'mobbiltà mnaqqsa.

2.11. Trattament tal-ilmenti u l-infurzar (l-Artikolu 28 u l-Kapitolu VII)

2.11.1. Trattament tal-ilmenti mill-impriżi ferrovjarji, l-amministraturi tal-istazzjonijiet u l-bejjiegħa tal-biljetti/operaturi tal-vjaġġi (l-Artikolu 28)

Ir-Regolament introduċa qafas ta' infurzar imtejjeb li jinkludi regoli ġodda dwar it-**trattament tal-ilmenti**, bħal skadenzi ċari (l-Artikolu 28(2)) u obbligu għall-entitajiet legali minbarra l-impriżi ferrovjarji li jkollhom proċedura biex jittrattaw l-ilmenti, inkluż għall-amministraturi ta' stazzjonijiet li jittrattaw medja ta' aktar minn 10 000 passiġġier kuljum fuq perjodu ta' sena (l-Artikolu 28(1)). Skont l-Artikolu 28(1) tar-Regolament, il-passiġġieri jistgħu jressqu lment lil kwalunkwe impriża ferrovjarja jew amministratur ta' stazzjon rigward id-drittijiet u l-obbligi koperti minn dan ir-Regolament fl-oqsma ta' responsabbiltà rispettivi tagħhom. Tali lment għandu jitressaq fi żmien 3 xhur minn meta jseħħ l-inċident inkwistjoni. Fi żmien xahar minn meta jirċievi l-ilment, id-destinatarju għandu jew jagħti tweġiba raġunata jew, f'każijiet ġustifikati, jinforma lill-passiġġier li se jirċievi tweġiba fi żmien 3 xhur mid-data li fiha jkun irċieva l-ilment. L-impriżi ferrovjarji u l-amministraturi tal-istazzjonijiet għandhom iżommu d-data meħtieġa biex jivvalutaw l-ilment tul il-proċedura kollha biex jiġi ttrattat l-ilment, inkluż il-proċeduri msemmija fl-Artikoli 33 u 34, u għandhom jagħmlu dik id-data disponibbli għall-korpi nazzjonali tal-infurzar fuq talba. Id-dettalji dwar il-proċedura tat-trattament tal-ilmenti jridu jkunu aċċessibbli għall-pubbliku, inkluż għall-persuni b'diżabbiltà u għall-persuni b'mobbiltà mnaqqsa.

L-istudju ta' sostenn sab li fi 15-il Stat Membru([160]) l-ilmenti jridu jiġu sottomessi fi żmien 3 xhur mill-inċident li jkunu jikkonċernaw. Fi tliet Stati Membri([161]), l-impriżi ferrovjarji stabbiliti stabbilew skadenza ta' sena biex jirċievu lment. Fi tliet Stati Membri([162]), l-impriżi ferrovjarji ma stabbilewx skadenza għas-sottomissjoni tal-ilmenti. Fi Stat Membru wieħed([163]), il-liġi nazzjonali tistabbilixxi skadenza ta' 6 xhur għall-preżentazzjoni ta' talbiet rigward it-trasport domestiku, iżda organizzazzjoni tal-konsumatur ikkonsultata għall-istudju nnutat li fil-prattika tiġi applikata skadenza ta' 3 xhur. Fi Stat Membru wieħed([164]), l-iskadenza għas-sottomissjoni ta' talba għal rimborż jew kumpens f'każ ta' dewmien hija ta' 30 jum, skont il-kundizzjonijiet ġenerali tat-trasport tal-impriża ferrovjarja stabbilita.

([159])AT, DE, EL, ES, HR, IT, PL, PT, SE.

([160]) BE, CZ, DE, EL, ES, FR, HR, HU, IT, LT, LV, PL, RO, SE, SI. Madankollu, fil-Belġju, l-iskadenza ta' 3 xhur fir-rigward tal-impriża ferrovjarja stabbilita fil-Belġju tikkonċerna s-servizzi internazzjonali u l-kumpens għad-dewmien. Ilmenti oħra li jikkonċernaw is-servizzi nazzjonali ma għandhomx skadenza fissa. Madankollu, fl-Italja, skont assoċjazzjoni tal-passiġġieri, l-iskadenza tista' tvarja skont l-impriża ferrovjarja kkonċernata.

([161]) AT, LU, SK.

([162]) FI, IE, NL.

([163]) BG.

([164]) PT.

Erba' Stati Membri([165]) qatt ma użaw perjodu ta' estensjoni sa 3 xhur biex iwieġbu għal ilment, 15-il Stat Membru([166]) użaw din l-għażla rarament biss, tliet Stati Membri([167]) użaw l-estensjoni xi drabi u Stat Membru wieħed([168]) juża l-estensjoni b'mod regolari.

2.11.2. Stabbiliment ta' korpi nazzjonali tal-infurzar (l-Artikolu 31)

L-Artikolu 31(1) tar-Regolament jirrikjedi li kull Stat Membru jaħtar **korp wieħed jew aktar biex ikunu responsabbli għall-infurzar ta' dan ir-Regolament**. Kull korp għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li d-drittijiet tal-passiġġieri jiġu rrispettati. L-Istati Membri kollha ħlief wieħed([169]) ħatru NEB wieħed jew aktar għall-infurzar tad-drittijiet tal-passiġġieri tal-ferrovija. L-organizzazzjoni, id-deċiżjonijet ta' finanzjament, l-istruttura legali u t-teħid ta' deċiżjonijiet tal-NEBs maħtura jenħtieġ li jkunu indipendenti minn kwalunkwe amministratur tal-infrastruttura, korp tal-imposti, korp tal-allokazzjoni jew impriża ferrovjarja([170]). Lista tal-NEBs responsabbli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/782 hija disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni([171]).

2.11.3. Infurzar mill-NEBs (l-Artikolu 32)

Skont l-Artikolu 32(2) tar-Regolament, **il-korpi nazzjonali tal-infurzar** għandhom jimmonitorjaw mill-qrib il-konformità ma' dan ir-Regolament. L-impriżi ferrovjarji, l-amministraturi tal-istazzjonijiet u l-amministraturi tal-infrastruttura, il-bejjiegħa tal-biljetti u l-operaturi tal-vjaġġi għandhom jipprovdu lill-korpi nazzjonali tal-infurzar bid-dokumenti u bl-informazzjoni rilevanti fuq talba tagħhom mingħajr dewmien żejjed u fi kwalunkwe każ fi żmien xahar minn meta jirċievu t-talba. L-impriżi ferrovjarji għandhom jagħtu d-dettalji ta' kuntatt tagħhom lill-korp jew korpi nazzjonali tal-infurzar tal-Istati Membri fejn joperaw (l-Artikolu 32(4) tar-Regolament). Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda informazzjoni mill-NEBs dwar in-nuqqas ta' konformità ma' dawn ir-rekwiżiti.

2.11.3.1. Rapportar

L-Artikolu 32(3) tar-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżit għall-korpi nazzjonali tal-infurzar li jippubblikaw rapporti biennali bl-istatistika dwar l-attività tagħhom, inkluż dwar il-penali applikati. Dawk ir-rapporti għandhom ikunu disponibbli fuq is-sit web tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji([172]). L-istess sit web juri wkoll ir-rapporti dwar il-kwalità tas-servizz([173]) tal-impriżi ferrovjarji, kif diġà meħtieġ skont ir-Regolament (KE) Nru 1371/2007. L-NEBs għandhom jimmonitorjaw ukoll jekk l-impriżi ferrovjarji jistabbilux standards ta' kwalità tas-servizz u jimplimentawx sistema ta' ġestjoni tal-kwalità biex tinżamm il-kwalità tas-servizz. L-istudju ta' sostenn sab li l-biċċa l-kbira tal-istandards tal-kwalità tas-servizz elenkati fl-Anness III huma koperti b'mod wiesa' fir-rapporti dwar il-kwalità tas-servizz tal-impriżi ferrovjarji analizzati. Is-sejbiet tal-istudju

([165]) AT, HR, LT, LU.
([166]) BG, CZ, DE, DK, EE, FI, FR, IE, LV, NL, PL, RO, SE, SI, SK.
([167]) ES, HU, IT.
([168]) PT.
([169]) CY. Minkejja li ma għandu l-ebda network ferrovjarju fit-territorju tiegħu (bħal MT), xorta jrid jimmonitorja u jinforza r-regoli tar-Regolament fuq il-bejjiegħa tal-biljetti u fuq l-operaturi tal-vjaġġi. Ara l-Artikolu 31(4) tar-Regolament.
([170]) Ara l-Artikolu 31(2) tar-Regolament.
([171]) Korpi nazzjonali tal-infurzar (NEB) — Mobbiltà u Trasport.
([172]) Rapporti tal-Korpi Nazzjonali tal-Infurzar (NEBs) | Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji.
([173]) Railway Undertakings Service Quality Reports | L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji.

jissuġġerixxu wkoll li l-impriżi ferrovjarji li joperaw fi 23 Stat Membru tal-UE([174]) implimentaw sistema ta' ġestjoni tal-kwalità biex iżommu l-kwalità tas-servizz.

Ir-rapporti dwar l-istandards tal-kwalità tas-servizzi huma għodda importanti għall-infurzar. Diversi NEBs([175]) irrapportaw li jirreferu għar-rapporti dwar il-kwalità tas-servizz meta jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tar-Regolament u jindirizzaw l-ilmenti tal-passiġġieri. NEBs oħra ma koprewx dan l-aspett fir-rapporti tagħhom. B'mod aktar ġenerali, l-NEBs huma mħeġġa jimmonitorjaw dawn ir-rapporti u jenħtieġ li jiżguraw li l-impriżi jippubblikawhom b'mod regolari u f'waqtu.

2.11.3.2. Is-sottomissjoni u l-pubblikazzjoni sal-iskadenza

L-ewwel sett ta' rapporti kellu jasal fis-7 ta' Ġunju 2025. NEB wieħed minn Stat Membru wieħed bagħat ir-rapport sal-iskadenza([176]), l-NEBs ta' 25 Stat Membru ieħor bagħtu r-rapporti tagħhom qabel tmiem l-2025([177]), u Stat Membru wieħed ma bagħat l-ebda rapport([178]).

2.11.3.3. Kontenut tar-rapporti

Dawn is-sottomissjonijiet regolari għandhom rwol importanti fl-iżgurar ta' sistema ta' infurzar konsistenti u trasparenti. Dawn jippermettu kemm lill-Kummissjoni kif ukoll lill-NEBs iżommu perspettiva madwar l-UE trasversali dwar kif id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ferrovija qed jiġu implimentati, immonitorjati u infurzati fil-prattika. Din il-ħarsa ġenerali usa' hija essenzjali biex jiġu identifikati x-xejriet, tittejjeb il-koordinazzjoni, u tissaħħaħ l-effettività ġenerali tal-qafas regolatorju. Ir-rapporti jissupplimentaw il-laqgħat annwali tal-grupp ta' esperti dwar id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ferrovija organizzati mill-Kummissjoni, fejn l-NEBs jiskambjaw l-esperjenzi tagħhom dwar il-prattiki ta' infurzar, kwistjonijiet emerġenti u soluzzjonijiet possibbli.

L-ewwel sett ta' rapporti li waslu fl-2025 jiżvela diversi xejriet. L-NEBs qed jimxu dejjem aktar lil hinn mit-trattament purament reattiv tal-ilmenti lejn mudell ta' infurzar aktar proattiv ibbażat fuq spezzjonijiet, awditi u kontrolli tematiċi (pereżempju dwar dewmien u kanċellazzjonijiet, obbligi ta' informazzjoni u assistenza għal persuni b'diżabbiltà u b'mobbiltà mnaqqsa). Id-data dwar l-ilmenti qed tintuża b'mod aktar sistematiku biex jiġu identifikati problemi rikorrenti, bid-dewmien, il-konnessjonijiet mitlufa, il-kanċellazzjonijiet u l-kumpens joħorġu bħala l-aktar sorsi frekwenti ta' tilwim, flimkien ma' nuqqasijiet persistenti fl-għoti tal-informazzjoni u, sa ċertu punt, l-aċċessibbiltà. Xi NEBs ilhom jużaw formoli online u hotlines strutturati biex jikkategorizzaw l-ilmenti, jiddistingwu bejn il-kwistjonijiet koperti u dawk mhux koperti mir-Regolament, u jimmiraw investigazzjonijiet dwar oqsma b'xejriet ta' nonkonformità.

Il-Kummissjoni pprovdiet **mudell għar-rapport** li l-NEBs jistgħu jużaw fuq bażi volontarja. Ftit NEBs użaw il-mudell meta kienu qed iħejju r-rapport tagħhom tal-2025 iżda diversi NEBs irrapportaw fil-qosor l-informazzjoni għal kull taqsima kif issuġġerit fil-mudell. Is-suġġerimenti dwar x'jista' jiġi inkluż fir-rapport ġew allinjati, meta kien fattibbli, mal-mudelli ta' rapportar rakkomandati dwar id-drittijiet tal-passiġġieri bix-xarabank u bil-coach, u ta' fuq l-ilma. Il-Kummissjoni tenfasizza li l-fatt li jkun hemm

([174]) AT, BE, BG, CZ, DE, EE, ES, FI, FR, HR, HU, IE, IT, LT, LU, LV, NL, PL, PT, RO, SE, SI u SK — jiġifieri mhux ġewwa DK, EL, CY u MT.
([175]) HR, PL, BG, IE, HU, RO.
([176])BE.
([177]) AT, BG, CZ, DE, DK, EE, EL, ES, FI, FR, HR, HU, IE, IT, LT, LU, LV, MT, NL, PL, PT, RO, SE, SI.
([178])CY.

rekwiżiti komuni ta' rapportar jgħin biex tiġi pprovduta informazzjoni kwalitattiva u komparabbli għall-infurzar tad-drittijiet tal-passiġġieri tal-ferrovija. Barra minn hekk, iċ-ċikli ta' rapportar regolari fis-snin li ġejjin se jgħinu biex jiġu segwiti x-xejriet emerġenti ta' infurzar b'mod aktar preċiż, biex jiġi mmonitorjat jekk ir-reġimi ta' penali jibqgħux effettivi, proporzjonati u dissważivi fil-prattika, u biex tiġi pprovduta viżibbiltà akbar tal-problemi fil-prattika, inklużi każijiet fejn jistgħu jkunu meħtieġa aktar gwida, koordinazzjoni jew aġġustament leġiżlattiv.

2.11.4. Trattament tal-ilment mill-korpi nazzjonali tal-infurzar u korpi oħra (l-Artikolu 33)

L-istudju ta' sostenn juri li l-biċċa l-kbira tal-NEBs jirċievu dokumenti b'mod elettroniku (permezz tal-posta elettronika, pjattaformi online jew korrispondenza uffiċjali) u li t-tweġiba mill-NEB għall-ilment tal-passiġġier tingħata fi żmien 10 ijiem ta' xogħol sa xahar, bil-possibbiltà li tiġi estiża sa 3 xhur f'każijiet kumplessi([179]). Grupp iżgħar jopera bi skadenzi awtomatikament qosra ħafna, bħal bejn 10 u 15-il jum([180]), filwaqt li oħrajn jistabbilixxu perjodi ta' żmien miftiehma jew skont il-każ([181]). Il-prattika hija inqas ċara fi ftit sistemi biss, minħabba li sa issa ma kien hemm l-ebda każ([182]).

Abbażi tal-istudju ta' sostenn, jidher li f'21 Stat Membru, il-passiġġieri għandhom disponibbli wkoll korp għas-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim([183]).

2.11.5. Skambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni transfruntiera bejn l-NEBs (l-Artikolu 34)

L-Artikolu 33, il-paragrafi (4), (5) u (6) u l-Artikolu 34 tar-Regolament isaħħu **obbligu għall-kooperazzjoni bejn il-Korpi Nazzjonali tal-Infurzar:** meta jinħatru korpi differenti skont l-Artikoli 31 u 33, irid jiġi żgurat l-iskambju ta' informazzjoni bejniethom. Fl-Istati Membri kollha, il-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-NEBs tidher li għadha limitata fil-prattika. Dan jista' jkun dovut għall-fatt li s-suq ferrovjarju transfruntier jikkostitwixxi madwar 7 % tat-traffiku ferrovjarju kollu fl-UE([184]), ftit ogħla mir-rata ta' 6 % fl-2013([185]). L-istudju ta' sostenn sab li tliet NEBs biss([186]) irrappurtaw diffikultajiet konkreti biex jiddeterminaw liema NEB tal-Istat Membru jenħtieġ li jittratta lment transfruntier, filwaqt li 19-il NEBs jindikaw li ma kellhomx kwistjonijiet bħal dawn([187]). Ġie rrapportat trasferiment wieħed biss ta' lment lill-NEB ta' Stat Membru ieħor([188]).

([179]) AT, BG, CZ, FR, HR, IT, PT.
([180]) EE, HU, LT, PT, RO.
([181]) AT, EL, FI, LV, NL.
([182]) Ir-riċerka tissuġġerixxi li dan huwa l-każ f'seba' Stati Membri (IE, LU, LT, LV, NL, SI, SK).
([183]) AT, BE, BG, CZ, DE, DK, EE, EL, FI, FR, HU, IE, IT, LU, LV, NL, PL, PT, RO, SE, SK. Madankollu, jenħtieġ li jiġi nnutat li l-partijiet ikkonċernati kkonsultati pprovdew tweġibiet differenti dwar jekk korp għas-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim fl-Irlanda jindirizzax ilmenti relatati mat-trasport.
([184]) Id-disa' rapport dwar il-monitoraġġ tal-iżvilupp tas-suq ferrovjarju skont l-Artikolu 15(4) tad-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, COM(2025) 439 final, p. 4.
([185]) Rapport dwar l-Applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1371/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar id-Drittijiet u l-Obbligi tal-Passiġġieri tal-Ferroviji, COM(2013) 587 final, p. 3.
([186]) AT, BE, DE.
([187])BG, CZ, DK, EE, ES, FR, HR, HU, IE, IT, LT, LV, PL, PT, RO, SE, SI, SK.
([188]) CZ.

3. KONKLUŻJONIJIET

L-applikazzjoni tar-Regolament għadha relattivament reċenti peress li daħal fis-seħħ biss fis-7 ta' Ġunju 2023, u ħafna mill-effetti maħsuba tiegħu bilfors se jieħdu ż-żmien biex jimmaterjalizzaw fil-prattika. Għalhekk, is-sejbiet sal-lum jenħtieġ li jitqiesu bħala preliminari biss.

Madankollu, jidher li x-xejra tal-eżenzjonijiet saret aktar strutturata u aktar limitata milli skont ir-Regolament preċedenti. Filwaqt li għadhom jeżistu derogi, speċjalment għas-servizzi urbani, suburbani u reġjonali, dawn issa huma aktar spiss immirati, limitati fiż-żmien u speċifiċi għal ċerti dispożizzjonijiet. Dan jindika tnaqqis gradwali tal-eżenzjonijiet u espansjoni korrispondenti tal-kamp ta' applikazzjoni effettiv tar-Regolament fil-prattika.

L-effetti tar-Regolament jidhru wkoll li wasslu għal ambjent imtejjeb għall-passiġġieri tal-ferrovija fl-UE. L-applikazzjoni tar-regoli estiżi dwar il-ġarr tar-roti abbord il-ferroviji turi li r-rekwiżiti minimi għall-ispazji għar-roti fuq il-ferroviji jistgħu jintlaħqu fil-maġġoranza tal-Istati Membri. Iż-żieda fil-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar l-ivvjaġġar u t-traffiku bejn atturi differenti sservi wkoll l-interessi tal-passiġġieri, b'mod partikolari fejn ikunu jeħtieġu informazzjoni f'ħin reali dwar il-vjaġġ tagħhom. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-TEL TSI li ġie adottat reċentement, li jistabbilixxi tragwardi differenti sal-2029, se jappoġġa wkoll lill-atturi biex jilħqu dan il-għan([189]). Barra minn hekk, bis-saħħa tal-formola komuni, li l-użu tagħha jeħtieġ li jiġi promoss ulterjorment, il-passiġġieri issa għandhom ukoll għodda addizzjonali biex jesiġu d-drittijiet tagħhom. Is-sejbiet juru li qed issir ukoll ħidma fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri biex jitħejjew pjanijiet ta' kontinġenza f'każ ta' interruzzjoni maġġuri.

Madankollu, ċerti oqsma fejn seta' kien raġonevolment mistenni progress aktar rapidu għadhom ma wrewx titjib suffiċjenti. B'mod partikolari, il-kwistjonijiet relatati mal-biljettar u mal-biljetti globali għadhom persistenti u jeħtieġu azzjoni fi żmien qasir. Għalhekk, dan ir-rapport huwa akkumpanjat minn proposta għal reviżjoni mmirata tar-Regolament biex jiġi żgurat li l-passiġġieri li jixtru biljett wieħed għal vjaġġ b'konnessjoni waħda jew aktar imħaddma minn aktar minn impriża ferrovjarja waħda jiġu żgurati livell ta' protezzjoni simili għal dik tal-passiġġieri b'biljett globali([190]). L-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kundizzjonijiet kuntrattwali u t-tariffi nondiskriminatorji, id-dritt għar-ridirezzjonar awtonomu tar-rotta u l-eżenzjoni għad-dritt għal kumpens (*force majeure*) ukoll jeħtieġu aktar skrutinju. Se tkun meħtieġa wkoll attenzjoni kontinwa biex jiġi żgurat li l-persuni b'diżabbiltà u l-persuni b'mobbiltà mnaqqsa jkunu f'pożizzjoni li jivvjaġġaw b'mod komparabbli għal passiġġieri oħra.

B'mod aktar ġenerali, dan ir-rapport juri wkoll il-ħtieġa ta' monitoraġġ imtejjeb tar-regoli fil-livell tal-Istati Membri. L-infurzar effettiv u konsistenti se jkun essenzjali wkoll biex jiġi żgurat li l-atturi differenti — l-impriżi ferrovjarji, l-amministraturi tal-istazzjonijiet, il-bejjiegħa tal-biljetti u l-operaturi tal-vjaġġi — japplikaw ir-regoli b'mod xieraq sabiex l-objettivi tar-Regolament jintlaħqu fil-prattika. Il-Kummissjoni se tkompli tissorvelja l-implimentazzjoni tar-Regolament u tieħu azzjoni fejn meħtieġ.

([189]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/253 tas-6 ta' Frar 2026 dwar speċifikazzjoni teknika relatata mas-subsistema telematika tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea għall-interoperabbiltà tal-kondiviżjoni tad-data fit-trasport ferrovjarju (TSI TEL) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 454/2011 (TSI TAP) u (UE) Nru 1305/2014 (TSI TAF), ĠU L, 2026/253, 10.2.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/253/oj. Ara b'mod partikolari l-istadji importanti fl-Appendiċi G tiegħu.

([190]) COM(2026) 233.

Annex A Ħarsa ġenerali lejn l-użu tal-eżenzjonijiet skont ir-Regolament (UE) 2021/782([191])

Kategorija ta' eżenzjoni	l-AT	il-BE	il-BG	iċ-CZ	il-DE	id-DK	l-EE	il-EL	ES	il-FI	FR	il-HR	l-HU	l-IE	l-IT	il-LT	il-LU	il-LV	in-NL	il-PL	il-PT	ir-RO	is-SI	is-SK	l-SE	Total
Distanzi twal			√										√								√	√		√		**5**
Urban/suburban	√		√		√					√	√		√				√			√	√	√		√	√	**12**
Reġjonali	√		√		√					√	√		√				√			√	√	√		√	√	**12**
Użu storiku jew turistiku			√	√	√					√	√		√		√	√		√	√	√	√	√		√	√	**15**
Internazzjonali lejn pajjiżi terzi			√	√						√			√					√		√		√				**7**
Aċċess għall-informazzjoni dwar it-traffiku u l-ivvjaġġar	√											√	√					√		√		√				**6**
Perjodu ta' prenotifika għall-persuni b' diżabbiltà u b'mobbiltà mnaqqsa			√	√	√	√						√	√					√				√				**8**
Total	**3**	**0**	**6**	**3**	**4**	**1**	**0**	**0**	**0**	**4**	**3**	**2**	**7**	**0**	**1**	**1**	**2**	**4**	**1**	**5**	**4**	**7**	**0**	**4**	**3**	

([191]) Didaskalija: √ - Eżenzjoni usata.

Annex B Tqabbil mal-eżenzjonijiet mill-Istati Membri skont ir-Regolament (KE) Nru 1371/2007([192])

Ir-Regolament (UE) 2021/782 dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji *(eżenzjonijiet applikabbli fiż-żmien il-pubblikazzjoni tar-rapport)*

Kategorija ta' eżenzjoni għal kull servizz	l-AT	il-BE	il-BG	iċ-CZ	il-DE	id-DK	l-EE	il-EL	ES	il-FI	FR	il-HR	l-HU	l-IE	l-IT	il-LT	il-LU	il-LV	in-NL	il-PL	il-PT	ir-RO	is-SI	is-SK	l-SE	**Total**
Urban/suburban	√		√		√					√	√		√				√			√	√	√		√	√	**12**
Reġjonali	√		√		√					√	√		√				√			√	√	√		√	√	**12**
Internazzjonali lejn pajjiżi terzi			√	√						√			√					√		√		√				**7**
Domestiku fuq distanzi twal			√										√								√	√		√		**5**
Total	**2**	**0**	**4**	**1**	**2**	**0**	**0**	**0**	**0**	**3**	**2**	**0**	**4**	**0**	**0**	**0**	**2**	**1**	**0**	**3**	**3**	**4**	**0**	**3**	**2**	

Ir-Regolament (KE) Nru 1371/2007 dwar id-Drittijiet u l-Obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji *(eżenzjonijiet applikabbli fi żmien it-tħassir tiegħu fis-7 ta' Ġunju 2023)*

Kategorija ta' eżenzjoni għal kull servizz	l-AT	il-BE	il-BG	iċ-CZ	il-DE	id-DK	l-EE	il-EL	ES	il-FI	FR	il-HR	l-HU	l-IE	l-IT	il-LT	il-LU	il-LV	in-NL	il-PL	il-PT	ir-RO	is-SI	is-SK	l-SE	**Total**
Urban/suburban	√		√		√		√		√	√	√		√	√		√	√	√		√	√	√		√	√	**18**
Reġjonali	√		√		√		√		√	√	√		√	√		√	√	√		√	√	√		√	√	**18**
Internazzjonali lejn pajjiżi terzi							√			√			√			√		√		√		√				**8**

([192]) It-tqabbil twettaq abbażi tal-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni. Qed jintwerew biss eżenzjonijiet komuni għaż-żewġ Regolamenti.

Didaskalija: √ - Eżenzjoni użata mill-Istat Membru.

Fuq distanzi twal/domestiku			√				√						√	√		√		√		√	√	√		√		**11**
Total	**2**	**0**	**3**	**0**	**2**	**0**	**4**	**0**	**2**	**3**	**2**	**0**	**4**	**3**	**0**	**4**	**2**	**4**	**0**	**4**	**3**	**4**	**0**	**3**	**2**	